



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0423/2023**

8.12.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002  
(COM(2023)0269 – C9-0190/2023 – 2023/0163(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Cláudia Monteiro de Aguiar

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	53
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	57
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	58
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD .....	86
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	112
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	113



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 (COM(2023)0269 – C9-0190/2023 – 2023/0163(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0269),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0190/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
  - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għas-Sajd,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0423/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

---

<sup>1</sup> Għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**(1a) Is-settur tas-sajd għandu rati għoljin ta' aċċidenti, li għandhom ukoll livelli għoljin ta' mortalità, u r-rwol importanti tat-taħriġ tas-sajjieda f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza tax-xogħol.**

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Inizjalment, l-Aġenzija għet stabbilita bl-objettiv li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' livell għoli ta' sikurezza marittima fl-Unjoni filwaqt li tassisti wkoll il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri u aktar tard anke minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. Filwaqt li dawn l-objettivi komplew jissaħħu biż-żieda tal-promozzjoni tas-sigurtà marittima, l-enfasi tal-Aġenzija, matul dawn l-aħħar snin, fuq l-appoġġ għall-iżviluppi regolatorji fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tbaħħir jistħoqqlu ż-żieda ta' dawk l-oqsma fl-objettivi ġenerali tal-Aġenzija li jippermettilha tikkontribwixxi għall-għanijiet tat-tranżizzjoni doppja, ekoloġika u diġitali tal-industrija. Bl-istess mod, ir-rwol kruċjali tal-Aġenzija fl-għoti ta' stampa ta' sensibilizzazzjoni marittima fil-baħar, permezz ta' immaġnijiet satellitari u l-operat ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod, jiġġustifika ż-żieda ta' objettiv ġenerali rilevanti għall-Aġenzija.

Emenda

(8) Inizjalment, l-Aġenzija għet stabbilita bl-objettiv li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' livell għoli ta' sikurezza marittima fl-Unjoni filwaqt li tassisti wkoll il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri u aktar tard anke minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. Filwaqt li dawn l-objettivi komplew jissaħħu biż-żieda tal-promozzjoni tas-sigurtà marittima, l-enfasi tal-Aġenzija, matul dawn l-aħħar snin, fuq l-appoġġ għall-iżviluppi regolatorji fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-tbaħħir, **inklużi żoni portwarji**, jistħoqqlu ż-żieda ta' dawk l-oqsma fl-objettivi ġenerali tal-Aġenzija li jippermettilha tikkontribwixxi għall-għanijiet tat-tranżizzjoni doppja, ekoloġika u diġitali tal-industrija. Bl-istess mod, ir-rwol kruċjali tal-Aġenzija fl-għoti ta' stampa ta' sensibilizzazzjoni marittima fil-baħar, permezz ta' immaġnijiet satellitari u l-operat ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod, jiġġustifika ż-żieda ta' objettiv ġenerali rilevanti għall-Aġenzija.

## Emenda 3

## Proposta għal regolament

### Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Għall-kisba xierqa ta' dawn l-objettivi, huwa xieraq li l-Aġenzija twettaq kompiti speċifiċi fil-qasam tas-sikurezza marittima, is-sostenibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, is-sigurtà marittima u ċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza marittima u l-kriżijiet marittimi u l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iskambji tad-data fil-qasam marittimu.

#### *Emenda*

(10) Għall-kisba xierqa ta' dawn l-objettivi, huwa xieraq li l-Aġenzija twettaq kompiti speċifiċi fil-qasam tas-sikurezza marittima, ***il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri***, is-sostenibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, is-sigurtà marittima u ċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza marittima u l-kriżijiet marittimi u l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iskambji tad-data fil-qasam marittimu. ***Hija u twettaq dawn il-kompiti, jenħtieġ li l-Aġenzija tagħti attenzjoni lill-ispeċifitàjiet tat-tipi differenti ta' attivitajiet marittimi b'attenzjoni speċifika għall-kundizzjonijiet applikabbli għas-settur tas-sajd.***

## Emenda 4

## Proposta għal regolament

### Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Minbarra l-kompiti speċifiċi, l-Aġenzija jenħtieġ li tipprovdi appoġġ orizzontali u tekniku, fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Istati Membri, għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe kompitu li jaqa' taħt il-kompetenza u l-objettivi tagħha, li jirriżulta minn ħtiġijiet u żviluppi futuri fil-livell tal-Unjoni. Dawn il-kompiti addizzjonali għandhom ikunu soġġetti għal kunsiderazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli, li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija jenħtieġ li jqis qabel ma jiddeċiedi li jinkludihom fid-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tal-Aġenzija bħala parti mill-programm ta' ħidma annwali jew pluriennali tiegħu. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li ċerti kompiti li jikkostitwixxu l-qalba tal-Aġenzija jkunu

#### *Emenda*

(11) Minbarra l-kompiti speċifiċi, l-Aġenzija jenħtieġ li tipprovdi appoġġ orizzontali u tekniku, fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Istati Membri, għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe kompitu li jaqa' taħt il-kompetenza u l-objettivi tagħha, li jirriżulta minn ħtiġijiet u żviluppi futuri fil-livell tal-Unjoni ***fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni marittima***. Dawn il-kompiti addizzjonali għandhom ikunu soġġetti għal kunsiderazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli, li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija jenħtieġ li jqis qabel ma jiddeċiedi li jinkludihom fid-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tal-Aġenzija bħala parti mill-programm ta' ħidma annwali jew pluriennali tiegħu. ***Għalhekk, kompiti addizzjonali ġodda jenħtieġ li***

jistgħu jiġu prijoritizzati jekk ikun meħtieġ.

*jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ppreżentata lill-awtoritajiet leġiżlattivi u baġitarji.* Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li ċerti kompiti li jikkostitwixxu l-qalba tal-Aġenzija jkunu jistgħu jiġu prijoritizzati jekk ikun meħtieġ.

### *Ġustifikazzjoni*

*L-importanza li jkun hemm dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva kull meta jiġu assenjati kompiti ġodda.*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(11a) Jenħtieġ li l-Aġenzija tagħti attenzjoni speċjali lis-settur tas-sajd meta twettaq il-kompiti tagħha, peress li dan għandu impatt ekonomiku u soċjali importanti fl-UE. B'mod partikolari, il-bastimenti tas-sajd u l-ħaddiema huma vulnerabbli immens għar-riskji tas-sikurezza marittima u għandhom rwol rilevanti fit-tranżizzjoni ekoloġika.***

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) L-Aġenzija tinsab fuq quddiem nett tal-għarfien espert tekniku fl-oqsma tal-kompetenza tagħha u għalhekk jenħtieġ li tipprovdi attivitajiet ta' taħriġ u ta' bini tal-kapaċitajiet lill-Istati Membri bl-iżvilupp ta' korsijiet komuni tal-kurrikuli ewlenin u l-użu tal-ġhodod l-aktar avvanzati teknoloġikament fit-twettiq tagħhom.

(12) L-Aġenzija tinsab fuq quddiem nett tal-għarfien espert tekniku fl-oqsma tal-kompetenza tagħha u għalhekk jenħtieġ li tipprovdi attivitajiet ta' taħriġ u ta' bini tal-kapaċitajiet lill-Istati Membri bl-iżvilupp ta' korsijiet komuni tal-kurrikuli ewlenin u l-użu tal-ġhodod l-aktar avvanzati teknoloġikament fit-twettiq tagħhom. ***Fost l-oħrajn, l-Aġenzija jenħtieġ li tappoġġa t-***



*taħriġ tal-ispetturi tal-Kontroll mill-Istat tal-Port tal-Istati Membri u l-uffiċjali tal-Amministrazzjonijiet tal-Istat tal-Bandiera biex iwettqu spezzjonijiet immirati fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-MLC 2006 fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-baħħara u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord il-vapuri. Sabiex il-professjonijiet marittimi jsiru aktar attraenti, l-Aġenzija jenħtieġ li tivvaluta l-bini ta' network li jinkludi l-akkademja u kwalunkwe stabbiliment ieħor li jipprovdi għal kwalifiki xierqa għall-promozzjoni tal-ħtiġijiet ta' tagħlim tul il-ħajja.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Premessa 13

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Dan l-għarfien espert tekniku tal-Aġenzija jenħtieġ li jiġi kkultivat aktar billi ssir riċerka fil-qasam marittimu u billi jingħata kontribut għall-attivitajiet rilevanti tal-Unjoni fil-qasam. L-Aġenzija jenħtieġ li tikkontribwixxi b'approċċ proattiv għall-oġġettivi tat-tisħiħ tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà, tad-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir u tal-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tista' toħroġ gwida, rakkomandazzjonijiet jew manwali rilevanti mhux vinkolanti li jistgħu jassistu lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u/jew lill-industrija marittima biex jilħqu dawn l-oġġettivi.

##### *Emenda*

(13) Dan l-għarfien espert tekniku tal-Aġenzija jenħtieġ li jiġi kkultivat aktar billi ssir riċerka fil-qasam marittimu u billi jingħata kontribut għall-attivitajiet rilevanti tal-Unjoni fil-qasam. L-Aġenzija jenħtieġ li tikkontribwixxi b'approċċ proattiv għall-oġġettivi tat-tisħiħ tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà, tad-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir u **tal-portijiet marittimi u** tal-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tista' toħroġ gwida, rakkomandazzjonijiet jew manwali rilevanti mhux vinkolanti li jistgħu jassistu lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u/jew lill-industrija marittima biex jilħqu dawn l-oġġettivi.

##### *Ġustifikazzjoni*

*L-importanza li tissemma l-ekosistema marittima kollha.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 14

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Fir-rigward tas-sikurezza marittima, l-Aġenzija jenħtieġ li tiżviluppa approċċ proattiv fid-determinazzjoni tar-riskji u tal-isfidi tas-sikurezza li abbażi tagħhom jenħtieġ li tippreżenta lill-Kummissjoni rapport kull 3 snin dwar il-progress fis-sikurezza marittima. Barra minn hekk, l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, speċjalment fl-oqsma tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera u tal-port, l-investigazzjoni tal-aċċidenti tal-baħar, il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri, l-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti u t-tagħmir tal-baħar. Fl-aħħar, l-Aġenzija jenħtieġ li jkollha rwol proattiv fl-assistenza **għall-iskjerament** ta' vapuri tal-wiċċ awtonomi u awtomatizzati marittimi, filwaqt li huwa importanti wkoll li tinġabar aktar data fil-qasam tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni għall-baħħara u l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC, 2006).

##### *Emenda*

(14) Fir-rigward tas-sikurezza marittima, l-Aġenzija jenħtieġ li tiżviluppa approċċ proattiv fid-determinazzjoni tar-riskji u tal-isfidi tas-sikurezza li abbażi tagħhom jenħtieġ li tippreżenta lill-Kummissjoni rapport kull 3 snin dwar il-progress fis-sikurezza marittima. Barra minn hekk, l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, speċjalment fl-oqsma tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera u tal-port, **filwaqt li tappoġġa direttament** l-investigazzjoni tal-aċċidenti tal-baħar, il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri, l-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti u t-tagħmir tal-baħar. Fl-aħħar, l-Aġenzija jenħtieġ li jkollha rwol proattiv fl-assistenza **għall-użu** ta' vapuri tal-wiċċ awtonomi u awtomatizzati marittimi, filwaqt li huwa importanti wkoll li tinġabar aktar data fil-qasam tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni għall-baħħara u l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC, 2006).

##### *Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun hemm qafas Ewropew dwar l-investigazzjonijiet tal-aċċidenti biex jitnaqqsu d-disparitajiet attwali bejn l-Istati Membri.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 14a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**(14a) Jistieden lill-Kummissjoni tittrasponi l-Konvenzjoni Internazzjonali**

*tal-IMO dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F 1995), fid-dritt tal-UE sabiex jinkiseb qafas armonizzat għal livell minimu ta' taħriġ tas-sajjieda fl-Ewropa.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur *tat-tbaħħir*, qed isiru sforzi biex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi globali permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u dawn jenħtieġ li jiġu mħeġġa, inkluża l-implimentazzjoni rapida tal-Istrateġija inizjali tal-OMI dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet *tal-Gassijiet* Serra *mill-Bastimenti*, adottata fl-2018. *Għaddejjin* diskussjonijiet dwar il-mezzi għall-implimentazzjoni fil-prattika ta' *din l-ambizzjoni*, *inkluż* dwar *reviżjoni tal-istrateġija inizjali*. Fil-livell tal-Unjoni, ġie żviluppat sett ta' politiki u proposti leġislattivi biex tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni u tiġi promossa aktar is-sostenibbiltà tas-settur marittimu, kif rifless b'mod partikolari fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-Istrateġija ta' Tniġġis Zero. B'riżultat ta' dan, il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur marittimu jenħtieġ li tiġi riflessa fil-mandat tal-Aġenzija.

#### *Emenda*

(16) Fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur *tat-tbaħħir*, qed isiru sforzi biex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi globali permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u dawn jenħtieġ li jiġu mħeġġa, inkluża l-implimentazzjoni rapida tal-Istrateġija inizjali tal-OMI dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet *ta' Gassijiet* Serra *mill-Vapuri*, adottata fl-2018. Diskussjonijiet dwar il-mezzi għall-implimentazzjoni fil-prattika ta' *tali ambizzjoni jinsabu għaddejjin*. *Dawk id-diskussjonijiet ikopru l-possibbiltà li tiġi riveduta l-istrateġija inizjali, u joffru l-opportunità li ssir riflessjoni* dwar *l-ambizzjonijiet tal-Unjoni fil-livell internazzjonali u l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali li jirriżultaw fit-tisħiħ tal-kompetittività marittima tal-UE*. Fil-livell tal-Unjoni, ġie żviluppat sett ta' politiki u proposti leġislattivi biex tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni u tiġi promossa aktar is-sostenibbiltà tas-settur marittimu, kif rifless b'mod partikolari fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-Istrateġija ta' Tniġġis Zero. B'riżultat ta' dan, il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur marittimu jenħtieġ li tiġi riflessa fil-mandat tal-Aġenzija.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 17

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) F'dan ir-rigward, filwaqt li l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, jenħtieġ li hija tkompli tassisti fl-implimentazzjoni tal-miżuri regolatorji l-ġodda għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tbaħħir, bħala riżultat tal-pakkett leġiżlattiv “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, bħar-Regolament [...] dwar l-użu ta’ fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u l-elementi relatati mat-tbaħħir tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra fil-Komunità. L-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tkun fuq quddiem nett tal-għarfien espert fil-livell tal-Unjoni biex tassisti fit-tranżizzjoni tas-settur għal fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju billi twettaq riċerka u tippovdi gwida dwar ***l-użu u l-iskjerament*** ta’ sorsi alternattivi sostenibbli ta’ enerġija għall-vapuri, ***inkluża l-provvista*** tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri u fir-rigward ***tal-iskjerament*** ta’ soluzzjonijiet ***ta’ assistenza*** għall-effiċjenza enerġetika u għall-propulsjoni eolika. Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tbaħħir, l-Aġenzija jenħtieġ li tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-isforzi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u kwalunkwe rakkomandazzjoni li jista’

##### *Emenda*

(17) F'dan ir-rigward, filwaqt li l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, jenħtieġ li hija tkompli tassisti fl-implimentazzjoni tal-miżuri regolatorji l-ġodda għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tbaħħir, bħala riżultat tal-pakkett leġiżlattiv “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, bħar-Regolament [...] dwar l-użu ta’ fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u l-elementi relatati mat-tbaħħir tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra fil-Komunità. ***Dan jinkludi l-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-impatti tal-EU ETS Maritime u tal-FuelEU Maritime fuq it-traffiku tal-portijiet, l-evazzjoni tal-portijiet u t-tranżizzjoni tat-traffiku lejn portijiet ta’ trażbord f’pajjiżi terzi, għad-detriment tal-portijiet tal-UE.*** L-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tkun fuq quddiem nett tal-għarfien espert fil-livell tal-Unjoni biex tassisti fit-tranżizzjoni tas-settur għal fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju billi twettaq riċerka u tippovdi gwida dwar ***l-adozzjoni u l-użu*** ta’ sorsi alternattivi sostenibbli ta’ enerġija għall-vapuri ***u l-infrastruttura relatata fiż-żoni portwarji, il-provvista*** tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri u fir-rigward ***tal-użu*** ta’ soluzzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika u għall-

jkollha kull 3 snin.

propulsjoni *assistita mir-riħ, solari u kinetika. Dan jinkludi wkoll teknoloġiji ġodda għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, bħall-qbid tal-karbonju abbord u l-prattiki tal-effiċjenza enerġetika, bħan-navigazzjoni aktar bil-mod (slow steaming). Barra minn hekk, jenħtieġ li tikkondividi wkoll l-għarfien espert tagħha b'rabta mar-riskji relatati mas-sikurezza tal-portijiet, il-bunkering u l-ħżin b'rabta mal-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli, ostakli teknoloġiċi u regolatorji.* Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress, *u titwitta triq għalih* fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tbaħħir *u taż-żoni portwarji*, l-Aġenzija jenħtieġ li tirrapporta lill-Kummissjoni *u lill-Parlament* dwar l-isforzi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u kwalunkwe rakkomandazzjoni li jista' jkollha kull *tliet* snin. *L-Aġenzija jenħtieġ li tirrapporta wkoll dwar id-diffikultajiet amministrattivi u prattiċi kollha li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-atti leġiżlattivi relatati.*

---

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

<sup>26</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

---

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

<sup>26</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

## Emenda 12

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Fil-qasam tas-sigurtà marittima, l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tipprovdi assistenza teknika lill-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni fil-qafas tar-Regolament 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup> dwar it-titjib tas-sigurtà ***tal-bastimenti*** u tal-faċilitajiet tal-port. ***Minħabba*** li l-għadd ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà fis-settur marittimu żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, jenħtieġ li l-Aġenzija tassisti fl-isforzi tal-Unjoni biex ittejjeb ir-reżiljenza ***kontra l-inċidenti taċ-ċibersigurtà*** fis-settur marittimu billi tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u informazzjoni dwar inċidenti taċ-ċibersigurtà bejn l-Istati Membri.

---

<sup>27</sup> Ir-Regolament Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet, ĠU L 129, 29.04.2004, p. 6.

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) L-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tospita s-sistema ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar il-bastimenti stabbilita skont id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup> flimkien ma' sistemi oħrajn li jirfdu l-istabbiliment ta' stampa ta' sensibilizzazzjoni marittima. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija jenħtieġ li jkompli jkollha rwol vitali fil-ġestjoni tal-komponent tas-sigurtà marittima tal-

*Emenda*

(18) Fil-qasam tas-sigurtà marittima, l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tipprovdi assistenza teknika lill-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni fil-qafas tar-Regolament 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup> dwar it-titjib tas-sigurtà ***tal-vapuri*** u tal-faċilitajiet tal-port. ***Peress*** li l-għadd ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà fis-settur marittimu żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, jenħtieġ li l-Aġenzija tassisti fl-isforzi tal-Unjoni biex ***teviata inċidenti taċ-ċibersigurtà u*** ittejjeb ir-reżiljenza ***ċibernetika*** fis-settur marittimu billi ***tipprepara linji gwida***, tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u informazzjoni dwar inċidenti taċ-ċibersigurtà bejn l-Istati Membri.

---

<sup>27</sup> Ir-Regolament Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet, ĠU L 129, 29.04.2004, p. 6.

*Emenda*

(19) L-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tospita s-sistema ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar il-bastimenti stabbilita skont id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup> flimkien ma' sistemi oħrajn li jirfdu l-istabbiliment ta' stampa ta' sensibilizzazzjoni marittima. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija jenħtieġ li jkompli jkollha rwol vitali fil-ġestjoni tal-komponent tas-sigurtà marittima tal-

programm Copernicus u jenħtieġ li tkompli tagħmel użu mit-teknoloġija l-aktar avvanzata disponibbli, bħas-sistemi ta' ingeni tal-ajru ppilotati mill-bogħod li jipprovdu lill-Istati Membri u lil korpi oħrajn tal-Unjoni għodda utli għas-sorveljanza u l-monitoraġġ. Minbarra dawn is-servizzi, l-Aġenzija wriet ir-rwol strateġiku tagħha fl-għoti ta' għarfien dwar is-sitwazzjoni marittima li jappoġġa diversi kriżijiet, bħall-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'riżultat ta' dan, l-Aġenzija jenħtieġ li topera ċentru, li jiftaħ 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-gimġha, li jenħtieġ li jassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri **b'sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawn.**

---

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

programm Copernicus u jenħtieġ li tkompli tagħmel użu mit-teknoloġija l-aktar avvanzata disponibbli, bħas-sistemi ta' ingeni tal-ajru ppilotati mill-bogħod li jipprovdu lill-Istati Membri u lil korpi oħrajn tal-Unjoni għodda utli għas-sorveljanza u l-monitoraġġ. Minbarra dawn is-servizzi, l-Aġenzija wriet ir-rwol strateġiku tagħha fl-għoti ta' għarfien dwar is-sitwazzjoni marittima li jappoġġa diversi kriżijiet, bħall-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'riżultat ta' dan, l-Aġenzija jenħtieġ li topera ċentru, li jiftaħ 24 siegħa kuljum u **sebat** ijiem fil-gimġha, li jenħtieġ li jassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri **u jipprovdi informazzjoni rigward sitwazzjonijiet potenzjali u ta' emerġenza. B'appoġġ għal tweġiba b'saħħitha u magħquda tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li l-Aġenzija, fost l-oħrajn, timmonitorja mġiba suspettuża madwar il-pipelines u tidentifika l-evazzjoni tas-sanzjonijiet fuq il-baħar.**

---

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

### *Ġustifikazzjoni*

*L-EMSA tipprovdi assistenza għall-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u lill-korpi tan-Nazzjonijiet Uniti b'rabta mal-“kuriuri taċ-ċereali”.*

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Premessa 20**

(20) Id-diġitalizzazzjoni tad-data hija parti integrali mill-progress teknoloġiku fil-qasam tal-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data bil-ħsieb li tgħin biex il-kostijiet jitnaqqsu u biex ir-riżorsi umani jintużaw b'effiċjenza. **L-iskjerament** u t-tħaddim tal-Vapuri Marittimi Awtonomi tal-Wiċċ (MASS) u l-iżviluppi diġitali u teknoloġiċi jipprovdu firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ġodda f'termini ta' ġbir u ġestjoni tad-data ta' sistemi integrati. Dan joħloq opportunitajiet għad-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni potenzjali ta' diversi proċessi, li jippermettu l-faċilitazzjoni tas-sikurezza, tas-sigurtà, tas-sostenibbiltà u tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet marittimi, inklużi l-mekkaniżmi ta' sorveljanza, fil-livell tal-Unjoni, u b'mod parallel inaqqsu l-piż amministrattiv għall-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija jenħtieġ li, fost l-oħrajn, tiffaċilita u tippromwovi l-użu ta' ċertifikati elettroniċi, il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni ta' data teknika, l-isfruttament sistematiku ta' bażijiet tad-data eżistenti, inkluż il-fertilizzazzjoni inkroċjata tagħhom permezz tal-użu ta' għodod innovattivi tal-IT u tal-intelliġenza artifiċjali, u, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' bażijiet tad-data interoperabbli addizzjonali.

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 22

(22) Fil-kuntest tal-OMI, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, iffirmit f'Pariġi fis-26 ta' Jannar

(20) Id-diġitalizzazzjoni tad-data hija parti integrali mill-progress teknoloġiku fil-qasam tal-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data bil-ħsieb li tgħin biex il-kostijiet jitnaqqsu, **biex jitnaqqas il-piż amministrattiv** u biex ir-riżorsi umani jintużaw b'effiċjenza. **L-użu** u t-tħaddim tal-Vapuri Marittimi Awtonomi tal-Wiċċ (MASS) u l-iżviluppi diġitali u teknoloġiċi jipprovdu firxa wiesgħa ta' opportunitajiet ġodda f'termini ta' ġbir u ġestjoni tad-data ta' sistemi integrati. Dan joħloq opportunitajiet għad-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni potenzjali ta' diversi proċessi, li jippermettu l-faċilitazzjoni tas-sikurezza, tas-sigurtà, tas-sostenibbiltà u tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet marittimi, inklużi l-mekkaniżmi ta' sorveljanza, fil-livell tal-Unjoni, u b'mod parallel inaqqsu l-piż amministrattiv għall-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija jenħtieġ li, fost l-oħrajn, tiffaċilita u tippromwovi l-użu ta' ċertifikati elettroniċi, il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni ta' data teknika, l-isfruttament sistematiku ta' bażijiet tad-data eżistenti, inkluż il-fertilizzazzjoni inkroċjata tagħhom permezz tal-użu ta' għodod innovattivi tal-IT u tal-intelliġenza artifiċjali, u, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' bażijiet tad-data interoperabbli addizzjonali.

(22) Fil-kuntest tal-OMI, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, iffirmit f'Pariġi fis-26 ta' Jannar



1982 (“MtQ ta’ Pariġi”), il-Kummissjoni u l-Istati Membri **jistgħu jkunu** jeħtieġu assistenza teknika u għarfien espert. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tista’ tkun teħtieġ ukoll l-assistenza teknika tal-Aġenzija fl-appoġġ ta’ pajjiżi terzi fil-qasam marittimu, b’mod partikolari b’mezzi ta’ bini tal-kapaċitajiet u ta’ prevenzjoni tat-tniġġis u ta’ rispons. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija jingħata l-kompitu li jadotta strateġija għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu, bħala parti mid-dokument ta’ programmazzjoni uniku.

1982 (“MtQ ta’ Pariġi”), il-Kummissjoni u l-Istati Membri **jaf ikunu** jeħtieġu assistenza teknika u għarfien espert, **għaldaqstant ir-rwol tal-EMSA jenħtieġ li jissaħħaħ, b’mod partikolari fl-IMO, fejn l-EMSA jenħtieġ li tipparteċipa fid-diskussjonijiet u tattendihom**. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tista’ tkun teħtieġ ukoll l-assistenza teknika tal-Aġenzija fl-appoġġ ta’ pajjiżi terzi fil-qasam marittimu, b’mod partikolari b’mezzi ta’ bini tal-kapaċitajiet u ta’ prevenzjoni tat-tniġġis u ta’ rispons. Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija jingħata l-kompitu li jadotta strateġija għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu, bħala parti mid-dokument ta’ programmazzjoni uniku.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Premessa 23

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) L-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta’ gwardja tal-kosta huma responsabbli għal firxa wiesgħa ta’ kompiti, li jistgħu jinkludu s-sikurezza, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ fuq il-baħar, il-kontroll tal-fruntieri, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll doganali, l-infurzar tal-liġi ġenerali u l-protezzjoni ambjentali. L-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>, u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>, għalhekk jenħtieġ li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, fil-mandat tagħhom, kemm bejniethom kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, sabiex iżidu s-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni

##### *Emenda*

(23) L-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta’ gwardja tal-kosta huma responsabbli għal firxa wiesgħa ta’ kompiti, li jistgħu jinkludu s-sikurezza, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ fuq il-baħar, il-kontroll tal-fruntieri, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll doganali, l-infurzar tal-liġi ġenerali u l-protezzjoni ambjentali. L-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>, u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>, għalhekk jenħtieġ li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, kemm bejniethom kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, sabiex iżidu s-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni

marittima u biex jappoġġaw azzjoni koerenti u kosteffiċjenti.

marittima u biex jappoġġaw azzjoni koerenti u kosteffiċjenti, **billi jipprovdu servizzi, informazzjoni, teknoloġija, tagħmir u taħriġ, kif ukoll billi jikkoordinaw operazzjonijiet bi skopijiet multipli, jiġbru data għar-riċerka xjentifika, jimmonitorjaw l-ibħra Ewropej u jimplimentaw programmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.**

---

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

---

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18).

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18).

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 25

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Aġenzija u sabiex ikun hemm kontribut għat-titjib tal-effiċjenza u l-effettività, jenħtieġ li tiġi introdotta struttura ta' governanza fuq żewġ livelli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu rrappreżentati f' Bord tat-Tmexxija li jkollu s-setgħat meħtieġa, inkluża s-setgħa li jistabbilixxi l-baġit u japprova d-dokument ta' programmazzjoni. Il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jagħti l-orjentazzjonijiet ġenerali lill-attivitajiet tal-Aġenzija u jkun involut aktar mill-qrib fil-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-Aġenzija, bil-ħsieb li tissaħħaħ is-superviżjoni fuq kwistjonijiet amministrattivi u baġitarji. Jenħtieġ li jiġi

#### *Emenda*

(25) Sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Aġenzija u sabiex ikun hemm kontribut għat-titjib tal-effiċjenza u l-effettività, jenħtieġ li tiġi introdotta struttura ta' governanza fuq żewġ livelli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu rrappreżentati f' Bord tat-Tmexxija li jkollu s-setgħat meħtieġa, inkluża s-setgħa li jistabbilixxi l-baġit u japprova d-dokument ta' programmazzjoni. **Il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jkun irrappreżentat bħala osservatur.** Il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jagħti l-orjentazzjonijiet ġenerali lill-attivitajiet tal-Aġenzija u jkun involut aktar mill-qrib fil-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-Aġenzija, bil-ħsieb li

stabbilit Bord Eżekuttiv iżgħar bil-kompitu li jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija b'mod xieraq u jagħti appoġġ lill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu. Is-setgħat tal-Bord Eżekuttiv jenħtieġ li jiġu ddefiniti f'mandat li jrid jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija u jenħtieġ li, fejn ikun xieraq, jinkludu opinjonijiet u deċiżjonijiet provviżorji soġġetti għall-approvazzjoni finali mill-Bord tat-Tmexxija. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun immexxija minn Direttur Eżekuttiv.

tissaħħaħ is-superviżjoni fuq kwistjonijiet amministrattivi u baġitarji. Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Eżekuttiv iżgħar bil-kompitu li jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija b'mod xieraq u jagħti appoġġ lill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu. Is-setgħat tal-Bord Eżekuttiv jenħtieġ li jiġu ddefiniti f'mandat li jrid jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija u jenħtieġ li, fejn ikun xieraq, jinkludu opinjonijiet u deċiżjonijiet provviżorji soġġetti għall-approvazzjoni finali mill-Bord tat-Tmexxija. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun immexxija minn Direttur Eżekuttiv.

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Aġenzija.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 27**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Sabiex twettaq il-kompiti tagħha sewwa, l-Aġenzija jenħtieġ li jkollha personalità ġuridika u baġit awtonomu ffinanzjat prinċipalment permezz ta' kontribuzzjoni mill-Unjoni u permezz ta' tariffi u imposti mħallsa minn pajjiżi terzi jew entitajiet oħrajn. L-indipendenza u l-imparzjalità tal-Aġenzija jenħtieġ li ma jiġux kompromessi minn kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja li din tirċievi minn Stati Membri, pajjiżi terzi jew entitajiet oħrajn. Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza fil-ġestjoni ta' kuljum tagħha u fl-opinjonijiet, fir-rakkomandazzjonijiet u fid-deċiżjonijiet li toħroġ, l-organizzazzjoni tal-Aġenzija jenħtieġ li tkun trasparenti u d-Direttur Eżekuttiv jenħtieġ li jkollu responsabbiltà sħiħa. Il-persunal tal-Aġenzija jenħtieġ li jkun indipendenti u jenħtieġ li jiġi impjegat kemm b'kuntratti fuq terminu qasir kif

#### *Emenda*

(27) Sabiex twettaq il-kompiti tagħha sewwa, l-Aġenzija jenħtieġ li jkollha personalità ġuridika u baġit awtonomu ffinanzjat prinċipalment permezz ta' kontribuzzjoni mill-Unjoni u permezz ta' tariffi u imposti **proporzjonali** mħallsa minn pajjiżi terzi jew entitajiet oħrajn. L-indipendenza u l-imparzjalità tal-Aġenzija jenħtieġ li ma jiġux kompromessi minn kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja li din tirċievi minn Stati Membri, pajjiżi terzi jew entitajiet oħrajn. Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza fil-ġestjoni ta' kuljum tagħha u fl-opinjonijiet, fir-rakkomandazzjonijiet u fid-deċiżjonijiet li toħroġ, l-organizzazzjoni tal-Aġenzija jenħtieġ li tkun trasparenti u d-Direttur Eżekuttiv jenħtieġ li jkollu responsabbiltà sħiħa. Il-persunal tal-Aġenzija jenħtieġ li jkun indipendenti u jenħtieġ li jiġi impjegat kemm b'kuntratti fuq terminu qasir kif

ukoll dawk fuq terminu twil sabiex jinżammu l-għarfien organizzazzjonali u l-kontinwità tan-negozju tagħha, filwaqt li jinżamm skambju meħtieġ u kontinwu ta' għarfien espert mas-settur marittimu. In-nefqa tal-Aġenzija jenħtieġ li tinkludi l-ispejjeż tal-persunal, amministrattivi, infrastrutturali u operazzjonali.

ukoll dawk fuq terminu twil sabiex jinżammu l-għarfien organizzazzjonali u l-kontinwità tan-negozju tagħha, filwaqt li jinżamm skambju meħtieġ u kontinwu ta' għarfien espert mas-settur marittimu. In-nefqa tal-Aġenzija jenħtieġ li tinkludi l-ispejjeż tal-persunal, amministrattivi, infrastrutturali u operazzjonali.

### *Ġustifikazzjoni*

*It-tariffi imposti fuq il-partijiet ikkonċernati marittimi għandhom ikunu proporzjonali.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament Premessa 28**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, huwa essenzjali li l-Aġenzija taġixxi b' mod imparzjali, turi integrità u tistabbilixxi standards professjonali għoljin. Jenħtieġ li qatt ma jkun hemm raġuni leġittima biex wieħed jissuspetta li d-deċiżjonijiet jistgħu jiġu influwenzati minn interessi kunfliġġenti mar-rwol tal-Aġenzija bħala korp li jservi lill-Unjoni kollha kemm hi jew minn interessi jew affiljazzjoni privati ta' kwalunkwe membru tal-Bord tat-Tmexxija li jgħolqu, jew għandhom il-potenzjal li jgħolqu, kunflitt mat-twettiq xieraq tad-dmirijiet uffiċjali tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta regoli komprensivi dwar il-kunflitti ta' interess.

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament Premessa 33**

#### *Emenda*

(28) Fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, huwa essenzjali li l-Aġenzija taġixxi b' mod imparzjali, turi integrità u tistabbilixxi standards professjonali għoljin. Jenħtieġ li qatt ma jkun hemm raġuni leġittima biex wieħed jissuspetta li d-deċiżjonijiet jistgħu jiġu influwenzati minn interessi kunfliġġenti mar-rwol tal-Aġenzija bħala korp li jservi lill-Unjoni kollha kemm hi jew minn interessi jew affiljazzjoni privati ta' kwalunkwe membru tal-Bord tat-Tmexxija li jgħolqu, jew għandhom il-potenzjal li jgħolqu, kunflitt mat-twettiq xieraq tad-dmirijiet uffiċjali tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta ***u jagħmel disponibbli għall-pubbliku*** regoli komprensivi dwar il-kunflitti ta' interess, ***filwaqt li jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew.***

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tat-tariffi u tal-imposti, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup>.

---

<sup>31</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament  
Premessa 33a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tat-tariffi u tal-imposti, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni ***fir-rigward tad-determinazzjoni tat-tariffi u tal-imposti għat-twassil ta' servizzi***. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup>.

---

<sup>31</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

*Emenda*

***(33a) Sabiex tkun speċifikata l-metodoloġija għall-kalkolu ta' dawn it-tariffi u tal-imposti, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ... [kontenut u kamp ta' applikazzjoni]. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1a</sup>.***

*B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.*

---

*<sup>1a</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI:  
[http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinstitut/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj).*

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament Premessa 34a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34a) Iż-żieda proposta fir-riżorsi tal-EMSA mhijiex biżżejjed minħabba l-firxa taż-żieda proposta fil-kompiti tal-Aġenzija u l-iskala tal-ambizzjonijiet tal-UE għall-politika marittima. Għaldaqstant, l-ammont tar-riżorsi finanzjarji ddedikati għal din il-proposta għandu jittieħed mill-marġnijiet mhux allokat skont il-limiti massimi tal-QFP jew jiġi mobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi tal-QFP. Peress li l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-QFP ma saħħitx il-baġit tal-EMSA, iż-żieda fl-appropriazzjonijiet għall-EMSA ma tistax tiġi kkompensata bi tnaqqis kumpensatorju tal-infiq ipprogrammat taħt l-FNE Trasport jew twassal għal tnaqqis tal-finanzjament għal kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni.*

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-objettivi tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni u l-istabbiliment ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima bl-għan **li jkun hemm aċċidenti zero**, sigurtà marittima, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri u s-sostenibbiltà tas-settur marittimu kif ukoll il-prevenzjoni u r-rispons għat-tniġġis ikkawżat **mill-bastimenti** u r-rispons għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Objettivi ulterjuri tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu billi tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni elettronika tad-data li tappoġġa s-simplifikazzjoni u l-forniment ta' sistemi u servizzi integrati ta' sorveljanza u sensibilizzazzjoni marittima lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni:

**Emenda 26**

*Emenda*

1. L-objettivi tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni u l-istabbiliment ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima bl-għan **ta' tnaqqis massimu tal-aċċidenti**, sigurtà marittima, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri u s-sostenibbiltà tas-settur marittimu kif ukoll il-prevenzjoni u r-rispons għat-tniġġis ikkawżat **mill-vapuri** u r-rispons għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

*Emenda*

2. Objettivi ulterjuri tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu billi tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni elettronika tad-data li tappoġġa s-simplifikazzjoni, **it-tnaqqis tal-piż amministrattiv** u l-forniment ta' sistemi u servizzi integrati ta' sorveljanza u sensibilizzazzjoni marittima lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

*Emenda*

1. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni **u lill-Istati Membri**:

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi, fuq talba tal-Kummissjoni, jew fuq inizzjattiva tagħha stess, soġġetta għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 17, għal attivitajiet ta' riċerka marittima fil-livell tal-Unjoni konsistenti mal-oġġettivi tal-Aġenzija. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka, mingħajr preġudizzju għal attivitajiet oħrajn ta' riċerka fil-livell tal-Unjoni, u fl-analiżi ta' proġetti ta' riċerka li għaddejjin u li tlestew rilevanti għall-oġġettivi tal-Aġenzija. Fejn xieraq, soġġett għar-regoli applikabbli dwar il-proprjetà intellettuali u l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà, l-Aġenzija **tista'** xxerred ir-riżultati tal-attivitajiet tagħha ta' riċerka u innovazzjoni, wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, bħala parti mill-kontribut tagħha għall-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' korpi oħrajn tal-Unjoni u l-Istati Membri.

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress dwar is-sikurezza tat-trasport marittimu fl-Unjoni, twestaq analiżi tar-riskju abbażi tad-data disponibbli u tiżviluppa mudelli ta' valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza biex tidentifika l-isfidi u r-riskji għas-sikurezza. Kull 3 snin din għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress fuq is-sikurezza marittima b'rakkomandazzjonijiet tekniċi

*Emenda*

4. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi, fuq talba tal-Kummissjoni, jew fuq inizzjattiva tagħha stess, soġġetta għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 17, għal attivitajiet ta' riċerka marittima fil-livell tal-Unjoni konsistenti mal-oġġettivi tal-Aġenzija. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' temi ewlenin ta' riċerka, mingħajr preġudizzju għal attivitajiet oħrajn ta' riċerka fil-livell tal-Unjoni, u fl-analiżi ta' proġetti ta' riċerka li għaddejjin u li tlestew rilevanti għall-oġġettivi tal-Aġenzija. Fejn xieraq, soġġett għar-regoli applikabbli dwar il-proprjetà intellettuali u l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà, l-Aġenzija **għandha** xxerred ir-riżultati tal-attivitajiet tagħha ta' riċerka u innovazzjoni, wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, bħala parti mill-kontribut tagħha għall-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' korpi oħrajn tal-Unjoni u l-Istati Membri.

*Emenda*

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress dwar is-sikurezza tat-trasport marittimu fl-Unjoni, twestaq analiżi tar-riskju abbażi tad-data disponibbli u tiżviluppa mudelli ta' valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza biex tidentifika l-isfidi u r-riskji għas-sikurezza. Kull 3 snin din għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress fuq is-sikurezza marittima b'rakkomandazzjonijiet tekniċi



possibbli li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni jew f' dak internazzjonali. F' dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha b' mod partikolari tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward tar-riskji potenzjali għas-sikurezza li jirriżultaw *mill-użu* u *mill-iskjerament* ta' sorsi alternattivi ta' enerġija sostenibbli għall-vapuri, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri rmiġġati.

possibbli li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni jew f' dak internazzjonali. F' dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha b' mod partikolari tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward tar-riskji potenzjali għas-sikurezza li jirriżultaw *mill-adozzjoni* u *mill-użu* ta' sorsi alternattivi ta' enerġija sostenibbli għall-vapuri, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri rmiġġati, *it-teknoloġiji ta' batteriji użati għall-propulsjoni*, "*teknoloġiji b' emissjonijiet żero*", *kif definiti fil-[FuelEU Maritime].jew teknoloġiji futuri oħra abbord vapuri jew f'żoni portwali.*

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data previsti fl-Artikoli 24 u 24a tad-Direttiva 2009/16/KE. Abbażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-analiżi tal-informazzjoni rilevanti u fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar vapuri u kumpaniji bi prestazzjoni baxxa u baxxa ħafna skont id-Direttiva 2009/16/KE.

#### *Emenda*

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni *u lill-Istati Membri* fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni tal-bażijiet tad-data previsti fl-Artikoli 24 u 24a tad-Direttiva 2009/16/KE. Abbażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-analiżi tal-informazzjoni rilevanti u fil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar vapuri u kumpaniji bi prestazzjoni baxxa u baxxa ħafna skont id-Direttiva 2009/16/KE.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni tal-bażi tad-data prevista fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/18/KE.

#### *Emenda*

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni tal-bażi tad-data prevista fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/18/KE.

Abbażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tiġbor ħarsa ġenerali annwali tad-diżgrazzji u l-inċidenti tal-baħar. L-Aġenzija **għandha, jekk tintalab** mill-Istati Membri **kkonċernati u fejn ma jinholq l-ebda kunflitt ta' interess, ttiprovdi appoġġ operazzjonali lil dawn l-Istati Membri fir-rigward tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza.** L-Aġenzija għandha twettaq ukoll analiżi tar-rapporti tal-investigazzjoni tas-sikurezza bil-għan li tidentifika valur miżjud fil-livell tal-Unjoni f'termini ta' kwalunkwe lezzjonijiet rilevanti li għandhom jittieħdu.

Abbażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tiġbor ħarsa ġenerali annwali tad-diżgrazzji u l-inċidenti tal-baħar. L-Aġenzija **tista' tiġi mistiedna** mill-Istati Membri **biex ttiprovdi appoġġ operazzjonali u tekniku fir-rigward tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza. L-Aġenzija għandha tikkonforma ma' tali talbiet fejn ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess għall-Aġenzija.** L-Aġenzija għandha twettaq ukoll analiżi tar-rapporti tal-investigazzjoni tas-sikurezza bil-għan li tidentifika valur miżjud fil-livell tal-Unjoni f'termini ta' kwalunkwe lezzjonijiet rilevanti li għandhom jittieħdu.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>39</sup> billi ttiprovdi l-valutazzjoni teknika tagħha dwar l-aspetti tas-sikurezza, ttiprovdi rakkomandazzjonijiet b'listi tar-rekwiżiti rispettivi tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u tal-istandards tal-ittestjar, l-iżvilupp u ż-żamma tal-bażi tad-data prevista fl-Artikolu 35(4) ta' dik id-Direttiva u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn il-korpi ta' valutazzjoni nnotifikati li jaġixxu bħala s-segretarjat tekniku għall-grupp ta' koordinazzjoni tagħhom.

---

<sup>39</sup> Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

#### *Emenda*

7. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni **u lill-Istati Membri** fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>39</sup> billi ttiprovdi l-valutazzjoni teknika tagħha dwar l-aspetti tas-sikurezza, ttiprovdi rakkomandazzjonijiet b'listi tar-rekwiżiti rispettivi tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u tal-istandards tal-ittestjar, l-iżvilupp u ż-żamma tal-bażi tad-data prevista fl-Artikolu 35(4) ta' dik id-Direttiva u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn il-korpi ta' valutazzjoni nnotifikati li jaġixxu bħala s-segretarjat tekniku għall-grupp ta' koordinazzjoni tagħhom.

---

<sup>39</sup> Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-Aġenzija għandha tiġbor u tanalizza d-data dwar il-baħħara pprovduta u użata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>40</sup>. Din tista' tiġbor u tanalizza wkoll data dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC, 2006) bl-għan li tassisti fit-tiġib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-baħħara.

---

<sup>40</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 169, 27.6.2022, p. 45).

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

## Emenda 33

#### *Emenda*

9. L-Aġenzija għandha tiġbor u tanalizza d-data dwar il-baħħara pprovduta u użata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>40</sup>. Din tista' tiġbor u tanalizza wkoll data dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC, 2006) bl-għan li tassisti fit-tiġib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-baħħara. ***II-Kummissjoni għandha tuża dik id-data, flimkien mad-data ġġenerata mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Baħħara (STCW IS) għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet strateġiċi xierqa għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-baħħara fl-attività.***

---

<sup>40</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 169, 27.6.2022, p. 45).

#### *Emenda*

***(da) taqsam u tirċievi informazzjoni rilevanti minn Aġenziji oħra tal-UE, bħall-EFCA, speċjalment fir-rigward ta' rkaptu tas-sajd mitluf***

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE, billi tikkontribwixxi għall-oġġettiv li jinkiseb status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar bl-elementi tagħha relatati mat-tbaħħir u fl-isfruttament tar-riżultati tal-ġhodod eżistenti bħas-Servizzi Marittimi Integrati. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha twettaq aktar riċerka fi kwistjonijiet relatati ma' kontenituri mitlufa, inklużi l-pellits tal-plastik, u l-istorbju taħt l-ilma **u** tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

*Emenda*

5. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE, billi tikkontribwixxi għall-oġġettiv li jinkiseb status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar bl-elementi tagħha relatati mat-tbaħħir u fl-isfruttament tar-riżultati tal-ġhodod eżistenti bħas-Servizzi Marittimi Integrati. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha twettaq aktar riċerka fi kwistjonijiet relatati ma' kontenituri mitlufa, inklużi l-pellits tal-plastik, u l-istorbju taħt l-ilma, **kif ukoll** tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

***Dwar il-kontejners mitlufa fil-baħar, l-Aġenzija għandha tipprovdi gwida lill-partijiet ikkonċernati tal-industrija u lill-Istat tal-Bandiera dwar ir-rekwiżiti miftiehma fl-IMO għar-rappurtar obbligatorju tal-kontejners mitlufa. Għandha tiġi eżaminata wkoll il-possibbiltà ta' mekkaniżmi ta' rispons kollettiv u kkoordinat fil-livell tal-UE u f'dak internazzjonali.***

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress fuq il-miżuri operazzjonali u tekniċi meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-vapuri u ***l-iskjerament*** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija għall-vapuri sostenibbli, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art u ***l-assistenza għall-propulsjoni eolika***, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra

*Emenda*

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress fuq il-miżuri operazzjonali u tekniċi meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-vapuri u ***tal-portijiet u l-użu*** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija għall-vapuri sostenibbli, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art u ***l-propulsjoni assistita mir-riħ u l-qbid tal-karbonju abbord***, biex jitnaqqsu l-

mill-vapuri.

emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri.

### Emenda 35

#### Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-Aġenzija għandha tivvaluta wkoll il-ħtieġa li jiġu implimentati moduli ta' taħriġ addizzjonali għall-professjonisti marittimi li jittrattaw sistemi ibridi u b'emissjonijiet żero ġodda u spiss kumplessi.**

### Emenda 36

#### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fir-rigward tal-isforzi regolatorji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tista' tuża kwalunkwe għodda jew servizz operazzjonali pertinenti għall-kompitu. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward **tal-użu u l-iskjerament** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija għall-vapuri sostenibbli, inklużi l-provvista tal-enerġija fuq l-art u **l-assistenza għall-propulsjoni eolika** kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika.

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fir-rigward tal-isforzi regolatorji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri **u mill-portijiet**. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tista' tuża kwalunkwe għodda jew servizz operazzjonali pertinenti għall-kompitu. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha **tirriċerka**, tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward **tal-adozzjoni u tal-użu** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija għall-vapuri sostenibbli, inklużi l-provvista tal-enerġija fuq l-art, **il-propulsjoni assistita mir-riħ, solari u kinetika u l-qbid tal-karbonju abbord, li jiżguraw ir-rispett għan-newtralità tekonoġika**, kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, **bi Prattiki bħan-navigazzjoni aktar bil-mod (slow steaming) u l-ottimizzazzjoni tal-veloċità**.

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Tali assistenza għandha tinkludi wkoll il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-impatti fuq it-traffiku tal-portijiet, l-evalwazzjoni tal-portijiet u t-trasferiment tat-traffiku lejn portijiet ġirien tat-trażbord tal-kontejners, għad-detriment tal-portijiet tal-UE.***

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

6. Kull 3 snin, l-Aġenzija għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu fil-livell tal-Unjoni. Fejn possibbli, ir-rapport għandu jinkludi analiżi teknika dwar kwistjonijiet identifikati li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.

6. Kull 3 snin, l-Aġenzija għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu fil-livell tal-Unjoni. Fejn possibbli, ir-rapport għandu jinkludi analiżi teknika dwar kwistjonijiet identifikati li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. ***Ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Aġenzija f'format li jista' jsir tiffix fih u b'mod diżaggregat.***

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti ***ta' spezzjoni*** assenjati lilha skont l-Artikolu ***9(4)*** tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

1. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri*** fit-twettiq tal-kompiti assenjati lilha skont l-Artikolu ***9*** tar-Regolament (KE) Nru 725/2004.

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien ma' kwalunkwe korp rilevanti ieħor tal-Unjoni, fl-iżvilupp tar-reżiljenza kontra l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fis-settur marittimu b'mod partikolari billi tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki u informazzjoni dwar inċidenti taċ-ċibersigurtà bejn l-Istati Membri.

#### *Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien ma' kwalunkwe korp rilevanti ieħor tal-Unjoni, fl-iżvilupp tar-reżiljenza kontra l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fis-settur marittimu b'mod partikolari billi ***tipprovdi linji gwida***, tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki u informazzjoni dwar inċidenti taċ-ċibersigurtà bejn l-Istati Membri.

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, is-servizzi ta' sorveljanza marittima u ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku, inklużi l-infrastruttura u s-sensuri bbażati fuq l-ispazju u fuq l-art immuntati fuq kwalunkwe tip ta' pjattaforma, li jtejbu ***s-sensibilizzazzjoni*** tas-sitwazzjoni marittima.

#### *Emenda*

1. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, is-servizzi ta' sorveljanza marittima u ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku, inklużi l-infrastruttura u s-sensuri bbażati fuq l-ispazju u fuq l-art immuntati fuq kwalunkwe tip ta' pjattaforma, li jtejbu ***l-għarfien*** tas-sitwazzjoni marittima, ***inkluż fir-rigward ta' sfidi ġeopolitiċi ġodda, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-theddid għas-sigurtà relatat għal Stati Membri speċifiċi u għall-Unjoni kollha kemm hi.***

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aġenzija għandha topera ċentru

#### *Emenda*

L-Aġenzija għandha topera ċentru

disponibbli 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa li jipprovdi, **fuq talba u** mingħajr preġudizzju għad-dritt nazżjonali u tal-Unjoni, lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet nazżjonali kompetenti, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera, kostali u tal-port, u lill-korpi rilevanti tal-Unjoni, fi ħdan il-mandat tagħhom, **is-sensibilizzazzjoni** tas-sitwazzjoni marittima u **d-data** analitika, kif xieraq, filwaqt li tappoġġahom fi:

disponibbli 24 siegħa kuljum u **sebat** ijiem fil-ġimgħa li jipprovdi, mingħajr preġudizzju għad-dritt nazżjonali u tal-Unjoni, lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet nazżjonali kompetenti, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera, kostali u tal-port, u lill-korpi rilevanti tal-Unjoni, fi ħdan il-mandat tagħhom, **għarfien** tas-sitwazzjoni marittima u **data** analitika, kif xieraq, filwaqt li tappoġġahom fi:

#### Emenda 43

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe leġislazzjoni tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ tal-movimenti tal-vapuri;

*Emenda*

(c) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe leġislazzjoni tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ tal-movimenti tal-vapuri **u l-kontejners mitlufa fil-baħar**;

#### Emenda 44

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) li tiffaċilita l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni tad-data skambjata fl-EMSWe bl-użu ta' SafeSeaNet.

*Emenda*

(d) li tiffaċilita **u ttejjeb** l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni tad-data skambjata fl-EMSWe bl-użu ta' SafeSeaNet.

#### Emenda 45

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 9 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri, fuq

*Emenda*

3. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika **u operazzjonali, kif**



talba tagħhom u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera, fid-diġitalizzazzjoni tar-reġistri tagħhom u l-proċeduri tagħhom li jiffaċilitaw ***l-użu*** ta' ċertifikati elettroniċi.

***ukoll programmi regolari ta' taħriġ u ċertifikazzjoni***, lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera, fid-diġitalizzazzjoni tar-reġistri tagħhom u l-proċeduri tagħhom li jiffaċilitaw ***l-adozzjoni*** ta' ċertifikati elettroniċi ***u fid-diġitalizzazzjoni ta' kwalunkwe proċedura oħra, li jista' jkollha effett pożittiv li jnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera, tal-port jew kostali.***

#### Emenda 46

##### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 6

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Fejn xieraq, u fi kwalunkwe każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' żjarat jew spezzjonijiet, l-Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-miżuri fis-seħħ. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kumitat għal aktar diskussjoni mal-Istati Membri sabiex tittieħed kwalunkwe tagħlima rilevanti u jiġi ffaċilitat it-tixrid ta' prattiki ta' ħidma tajba.

###### *Emenda*

6. Fejn xieraq, u fi kwalunkwe każ meta jiġi konkluż ċiklu ta' żjarat jew spezzjonijiet, l-Aġenzija għandha tanalizza r-rapporti minn dak iċ-ċiklu sabiex tidentifika sejbiet orizzontali u konklużjonijiet ġenerali dwar l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-miżuri fis-seħħ. L-Aġenzija għandha tippreżenta din l-analiżi lill-Kumitat għal aktar diskussjoni mal-Istati Membri sabiex tittieħed kwalunkwe tagħlima rilevanti u jiġi ffaċilitat it-tixrid ta' prattiki ta' ħidma tajba, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE.***

#### Emenda 47

##### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aġenzija għandha ttipprovdi l-assistenza teknika meħtieġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fuq talba tagħhom, biex jikkontribwixxu għall-ħidma rilevanti tal-

###### *Emenda*

L-Aġenzija għandha ttipprovdi l-assistenza teknika meħtieġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fuq talba tagħhom, biex jikkontribwixxu għall-ħidma rilevanti tal-

korpi tekniċi tal-OMI, ***l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol*** sa fejn huwa kkonċernat it-tbaħħir u ***l-Memorandum*** ta' Ftehim ***ta' Pariġi*** dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port ("***MtF ta' Pariġi***") u organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti li magħhom aderiet l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Unjoni.

korpi tekniċi tal-OMI, ***fejn l-EMSA jeħtiġilha, fi ħdan id-delegazzjoni tal-Kummissjoni, tipparteċipa fid-diskussjonijiet u tattendihom, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol*** sa fejn huwa kkonċernat it-tbaħħir, u ***tal-Memoranda*** ta' Ftehim ***rilevanti*** dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port u organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti li magħhom aderiet l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Unjoni.

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Fuq talba tal-Kummissjoni***, l-Aġenzija tista' ttiprovdi assistenza teknika, inkluża l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ rilevanti, fir-rigward tal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, u fejn applikabbli, lill-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-MtF ta' Pariġi.

#### *Emenda*

2. L-Aġenzija tista', ***f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni***, ttiprovdi assistenza teknika, inkluża l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ rilevanti, fir-rigward tal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, u fejn applikabbli, lill-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-MtF ta' Pariġi.

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Aġenzija tista', ***fuq talba tal-Kummissjoni*** jew ***tas-Servizz*** Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jew ***tat-tnejn***, ttiprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis ikkawżat minn ***bastimenti*** kif ukoll tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass li jaffettwaw lil pajjiżi terzi li jikkondividu baċir tal-baħar reġjonali mal-Unjoni. L-Aġenzija għandha ttiprovdi l-assistenza f'konformità mal-

#### *Emenda*

3. L-Aġenzija tista', ***f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni*** jew ***mas-Servizz*** Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jew ***mat-tnejn***, ttiprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis ikkawżat minn ***vapuri*** kif ukoll tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass li jaffettwaw lil pajjiżi terzi li jikkondividu baċir tal-baħar reġjonali mal-Unjoni. L-Aġenzija għandha ttiprovdi l-assistenza f'konformità mal-Mekkaniżmu

Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, u mal-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament applikati b'analoġija għall-pajjiżi terzi. Dawn il-kompiti għandhom jiġu kkoordinati mal-arranġamenti ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti relatati mat-tniġġis tal-baħar.

tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, u mal-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament applikati b'analoġija għall-pajjiżi terzi. Dawn il-kompiti għandhom jiġu kkoordinati mal-arranġamenti ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti relatati mat-tniġġis tal-baħar.

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24, l-Aġenzija tista' tipprovdi, **fuq talba tal-Kummissjoni**, assistenza teknika lil pajjiżi terzi għal kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tagħha.

#### *Emenda*

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24, l-Aġenzija tista' tipprovdi, **f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni**, assistenza teknika lil pajjiżi terzi għal kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tagħha.

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Aġenzija tista' tidħol f'arranġamenti amministrattivi u f'kooperazzjoni ma' korpi oħrajn tal-Unjoni li jaħdmu fil-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-Aġenzija **wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni**. Dawn l-arranġamenti u kooperazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-opinjoni tal-Kummissjoni u għar-rapportar perijodiku tagħha.

#### *Emenda*

5. L-Aġenzija tista' tidħol f'arranġamenti amministrattivi u f'kooperazzjoni ma' korpi oħrajn tal-Unjoni li jaħdmu fil-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-Aġenzija. Dawn l-arranġamenti u kooperazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-opinjoni tal-Kummissjoni u għar-rapportar perijodiku tagħha.

## Emenda 52

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta strateġija għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu. Dik l-istrateġija ***għandha tkun konformi mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u*** għandu jkollha l-għan li tassisti lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ***jissodisfaw dawn*** il-prijoritajiet. Għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' programmazzjoni tal-Aġenzija, bi speċifikazzjoni tar-riżorsi assoċjati.

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) tat-tishiġ tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta inkluż permezz tal-analiżi tal-isfidi operazzjonali u r-riskji emerġenti fil-qasam marittimu;

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta strateġija għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu. Dik l-istrateġija għandu jkollha l-għan li tassisti lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ***biex jissodisfaw*** il-prijoritajiet ***tal-Unjoni***. Għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' programmazzjoni tal-Aġenzija, bi speċifikazzjoni tar-riżorsi assoċjati.

*Emenda*

(d) tat-tishiġ tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta inkluż permezz tal-analiżi tal-isfidi operazzjonali u r-riskji emerġenti fil-qasam marittimu ***inkluż bl-użu ta' għodod ta' simulazzjoni diġitali biex jiġi studjat l-effett tal-inċidenti***;

***(ea) tal-kondiviżjoni tar-riċerka, l-iżviluppi u t-teknoloġiji rilevanti, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, b'mod kollaborattiv u flessibbli, biex jinstabu***

*soluzzjonijiet għall-isfidi ffaċċjati fl-oqsma differenti;*

#### **Emenda 55**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(eb) taż-żieda fil-kooperazzjoni sabiex tingħabar data għal skopijiet ta' riċerka xjentifika tal-baħar dwar l-ekosistemi tal-baħar, l-oċeanografija fiżika, il-kimika tal-baħar, il-bijoloġija tal-baħar, is-sajd, it-tħaffir xjentifiku tal-oċeani, ir-riċerka ġeoloġika u ġeofiżika, u attivitajiet oħra;*

#### **Emenda 56**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ec) tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jittejbu s-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri, is-sigurtà marittima u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar;*

#### **Emenda 57**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll erba' professjonisti mis-setturi l-aktar ikkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 2, maħtura mill-Kummissjoni, mingħajr id-dritt tal-vot.

*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll żewġ rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, li jaġixxu ta' osservaturi, mingħajr dritt tal-vot.***

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru l-membri tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll sostitut li jirrappreżenta lill-membri fl-assenza tiegħu/tagħha.

2. Kull Stat Membru, ***il-Parlament Ewropew*** u l-Kummissjoni għandhom jaħtru l-membri tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll sostitut li jirrappreżenta lill-membri fl-assenza tiegħu/tagħha.

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(g) jistabbilixxi l-metodoloġija għaż-żjarat li għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 10. ***F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tal-metodoloġija, in-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżaminaha mill-ġdid u jadottaha, possibilment emendata, fit-tieni qari jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;***

(g) jistabbilixxi l-metodoloġija għaż-żjarat li għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 10.

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt j

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu u jippubblika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija;

*Emenda*

(j) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu u ***jagħmel tali regoli disponibbli għall-pubbliku, u*** jippubblika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija;

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt l

*Test propost mill-Kummissjoni*

(l) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu;

*Emenda*

(l) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ***u jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku.***

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt u

*Test propost mill-Kummissjoni*

(u) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija, inkluż l-istabbiliment ta' gruppi konsultattivi jew ta' ħidma u, fejn meħtieġ, il-modifika tagħhom;

*Emenda*

(u) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija, inkluż l-istabbiliment ta' gruppi konsultattivi jew ta' ħidma u, fejn meħtieġ, il-modifika tagħhom ***filwaqt li jqis il-ħtiġijiet tal-attività tal-Aġenzija u jirrispetta l-ġestjoni baġitarja tajba;***

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt v

*Test propost mill-Kummissjoni*

(v) jiddeċiedi dwar is-servizzi li l-Aġenzija tista' toffri kontra t-tariffi u l-imposti u tadotta mudell qafas għat-tqassim finanzjarju tat-tariffi u l-imposti pagabbli kif imsemmi fl-Artikolu 26(3), il-punt (c). ***F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar is-servizzi offruti kontra tariffi jew il-mudell qafas, in-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord Amministrattiv għandu jeżaminaha mill-ġdid u jadottaha, possibilment emendata, fit-tieni qari jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;***

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt x**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(x) jadotta strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, jew it-tnejn, imsemmija fl-Artikolu 11(6). ***F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tal-istrateġija, in-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord Amministrattiv għandu jeżaminaha mill-ġdid u jadottaha, possibilment emendata, fit-tieni qari jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;***

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Emenda*

(v) jiddeċiedi dwar is-servizzi li l-Aġenzija tista' toffri kontra t-tariffi u l-imposti u tadotta mudell qafas għat-tqassim finanzjarju tat-tariffi u l-imposti pagabbli kif imsemmi fl-Artikolu 26(3), il-punt (c).

*Emenda*

(x) jadotta strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, jew it-tnejn, imsemmija fl-Artikolu 11(6).



*Test propost mill-Kummissjoni*

Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dokument ta' programmazzjoni li fih programmazzjoni **pluriennali** u annwali, ibbażat fuq abbozz imressaq mid-Direttur **Amministrattiv**, li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni. **Dan** għandu **jippreżentah** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

*Emenda*

Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dokument ta' programmazzjoni **uniku** li **jkun** fih programmazzjoni **multiannwali** u annwali, ibbażat fuq abbozz imressaq mid-Direttur **Eżekuttiv**, li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni **u fir-rigward tal-programmazzjoni pluriennali wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Jekk il-Bord ta' Amministrazzjoni jiddeċiedi li ma jqisx elementi tal-opinjoni tal-Kummissjoni, għandu jipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata. L-obbligu li tingħata ġustifikazzjoni dettaljata għandu japplika wkoll għall-elementi mqajma mill-Parlament Ewropew matul il-konsultazzjoni. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jippreżenta d-dokument ta' programmazzjoni uniku** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni **sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tad-dokument ta' programmazzjoni unika, innuqqas ta' qbil tagħha mad-dokument, il-Bord Amministrattiv għandu jeżamina mill-ġdid dak id-dokument ta' programmazzjoni uniku u jadottah, possibbilment emendat, fi żmien xahrejn, waqt it-tieni qari jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.**

*Emenda*

**imħassar**

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jorganizza laqgħa ordinarja darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq inizjattiva tal-President jew fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' terz ***tal-Istati Membri***.

*Emenda*

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jorganizza laqgħa ordinarja darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq inizjattiva tal-President jew fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' terz ***tal-membri tiegħu***.

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) punti (c) sa (e) u punti (i), (j), (n), (o), (p), (q), (t), (u) u fl-Artikolu 16(2) jistgħu jittieħdu biss jekk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jifgħu vot pożittiv. Għall-finijiet tat-tehd tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16(1), punt (b), il-vot pożittiv tar-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkun meħtieġ biss fuq l-elementi tad-deċiżjoni mhux relatati mal-programm ta' ħidma annwali u pluriennali tal-Aġenzija.***

*Emenda*

***imħassar***

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija ma għandux jivvota.

*Emenda*

3. Kull membru ***bi dritt tal-vot*** għandu jkollu vot wieħed. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija ma għandux jivvota.

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) jiddeċiedi dwar dawk il-kwistjonijiet previsti fir-regoli finanzjarji adottati skont l-Artikolu 25 li ma humiex riżervati għall-Bord tat-Tmexxija minn dan ir-Regolament;**

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 21 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President tal-Bord tat-Tmexxija, rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija u minn tliet membri oħrajn li jinħatru mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu li jkollhom id-dritt tal-vot. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, iżda ma għandux ikollu d-dritt tal-vot.

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President ***u mid-deputat President*** tal-Bord tat-Tmexxija, rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija u minn tliet membri oħrajn li jinħatru mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu li jkollhom id-dritt tal-vot. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, iżda ma għandux ikollu d-dritt tal-vot. ***Il-Bord Eżekuttiv jista' jistieden osservaturi oħrajn sabiex jattendu l-laqgħat tiegħu.***

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a. Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens. Jekk il-Bord Eżekuttiv ma jkunx f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni b'kunsens, il-kwistjoni**

*għandha tiġi riferuta lill-Bord tat-Tmexxija.*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija fuq il-bażi tal-mertu u tal-ħiliet, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti li għandha tirispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri.

*Emenda*

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija fuq il-bażi tal-mertu, tal-ħiliet u ***tal-għarfien espert kif ukoll ta' evidenza ta' kompetenza u esperjenza rilevanti għas-settur marittimu*** minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti li għandha tirispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri.

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet imressqa mill-membri tiegħu.***

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jqis l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur

4. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jqis l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur

Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn 5 snin.

Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn 5 snin. ***Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Qabel ma l-Bord tat-Tmexxija jieħu d-deċiżjoni li jestendi l-mandat, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet imressqa mill-membri tiegħu.***

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Id-Direttur Eżekuttiv ma jistax jitneħħa mill-kariga ħliet b' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

6. Id-Direttur Eżekuttiv ma jistax jitneħħa mill-kariga ħliet b' deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati b'mod li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli, dwar ir-raġunijiet għal tali deċiżjoni.***

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***6a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra, l-estensjoni tal-mandat jew it-tneħħija mill-kariga tad-Direttur Eżekuttiv fuq il-bażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot.***

## Emenda 79

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentat legali tal-Aġenzija.

*Emenda*

4. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentat legali tal-Aġenzija.  
***Għalhekk, id-Direttur Eżekuttiv għandu:***

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(a) jipprovdi assistenza teknika u għarfien espert lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-kuntest tal-laqgħat tal-OMI;***

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(b) jagħti rendikont lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, meta jieħu deċiżjonijiet politikament sensittivi fl-interess tal-Unjoni;***

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 5 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) jiżgura l-amministrazzjoni ***sostenibbli u effiċjenti*** ta' kuljum tal-Aġenzija;

(a) jiżgura l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija;

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artiklu 26 – paragrafu 3 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) kwalunkwe tariffa u imposta għall-infrastruttura, għall-pubblikazzjonijiet, għat-taħriġ jew għal kwalunkwe servizz ieħor li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ipprovdut mill-Aġenzija f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni **adottati skont l-Artikolu 33**;

#### *Emenda*

(c) kwalunkwe tariffa u imposta għall-infrastruttura, għall-pubblikazzjonijiet, għat-taħriġ jew għal kwalunkwe servizz ieħor li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ipprovdut mill-Aġenzija f'konformità mal-atti **delegati u mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 33**;

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, għandu jiġi aġġustat skont il-każ.

#### *Emenda*

8. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija **b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri bid-dritt tal-vot**. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, għandu jiġi aġġustat skont il-każ.

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**4a. Sabiex tiffranka finanzjarjament, l-Aġenzija għandha tikkoopera mill-viċin, meta jkun il-każ, ma' istituzzjonijiet, aġenziji u kopri oħra tal-Unjoni, speċjalment ma' dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-istess Stat Membru.**

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddeċiedi, **bi qbil ma' u f'kooperazzjoni** mal-Istati Membri kkonċernati u b'kont debitament meħud tal-implikazzjonijiet baġitarji, inkluż kwalunkwe kontribut li l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jipprovdu, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex **jitwettqu**, bl-aktar mod effiċjenti u effettiv, xi wħud mill-kompiti tal-Aġenzija. Meta tittieħed deċiżjoni bħal din, il-Bord Amministrattiv għandu jiddefinixxi l-ambitu preċiż tal-attivitajiet taċ-ċentru reġjonali filwaqt li jevita kostijiet finanzjarji mhux meħtieġa u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' networks reġjonali u nazzjonali eżistenti.

#### *Emenda*

5. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddeċiedi, **wara li jinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, bi qbil** mal-Istati Membri kkonċernati **u f'kooperazzjoni magħhom** u b'kont debitament meħud tal-implikazzjonijiet baġitarji, inkluż kwalunkwe kontribut li l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jipprovdu, li jistabbilixxi ċ-ċentri reġjonali meħtieġa sabiex **iwettqu**, bl-aktar mod effiċjenti u effettiv, xi wħud mill-kompiti tal-Aġenzija. Meta tittieħed deċiżjoni bħal din, il-Bord Amministrattiv għandu jiddefinixxi l-ambitu preċiż tal-attivitajiet taċ-ċentru reġjonali filwaqt li jevita kostijiet finanzjarji mhux meħtieġa u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' networks reġjonali u nazzjonali eżistenti.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Aġenzija.*

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – titolu

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**Atti ta' implimentazzjoni li jirrigwardaw** tariffi u imposti

#### *Emenda*

Tariffi u imposti

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw:***

***imħassar***

***(a) it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-Aġenzija, b'mod partikolari b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(3), il-punt (c); and***

***(b) il-kundizzjonijiet ta' pagament.***

***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).***

#### **Emenda 89**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 33 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33a, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabilixxu l-metodoloġija għall-ikkalkular tat-tariffi u tal-imposti msemmijin fil-paragrafu 2. Dik il-metodoloġija għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4.***

#### **Emenda 90**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 33 – paragrafu 4b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4b. Abbażi tal-metodoloġija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 4a, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw it-tariffi u l-imposti għat-twassil tas-servizzi. Dawk l-***

*atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).*

## **Emenda 91**

### **Proposta għal regolament Artikolu 33a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 33a**

##### **Eżerċizzju tad-delega**

- 1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**
- 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 33(4a) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. / għal perjodu ta' ... snin minn ...**
- 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 33(4a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.**
- 4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.**
- 5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u**

*lill-Kunsill.*

*6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 33(4a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 l-Aġenzija għandha tadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.

*Emenda*

1. Sabiex tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, ***l-abbuż tal-uffiċċju*** u attivitajiet illegali oħrajn skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 l-Aġenzija għandha tadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.

## Emenda 93

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew ma' kuntratt ifffinanzjat mill-Aġenzija, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri

*Emenda*

3. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni, ***abbuż tal-uffiċċju*** jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew ma' kuntratt ifffinanzjat mill-Aġenzija, f'konformità mad-

stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom)  
Nru 883/2013.

dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti  
fir-Regolament (UE, Euratom) Nru  
883/2013.

## Emenda 94

### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mhux aktar tard minn 5 snin wara [d-data tad-dħul fis-seħħ], u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha twestaq evalwazzjoni biex tivvaluta b'mod partikolari l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-Aġenzija u l-prattiki ta' ħidma tagħha. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

#### *Emenda*

1. Mhux aktar tard minn 5 snin wara [d-data tad-dħul fis-seħħ], u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha twestaq evalwazzjoni biex tivvaluta b'mod partikolari l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza u ***l-analiżi kost-benefiċċju*** tal-Aġenzija u l-prattiki ta' ħidma tagħha. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

## NOTA SPJEGATTIVA

### *Sfond storiku*

Peress li l-attivitajiet tat-tbaħħir dejjem qed jikbru fl-Ewropa u fl-ilmijiet madwar l-Ewropa, ir-riskji tal-aċċidenti żdiedu b'mod kostanti u dan wassal għall-ewwel elementi fundamentali tal-politika Ewropea dwar is-sikurezza marittima fil-bidu tas-snin disgħin.

B'mod partikolari l-aċċident tat-tanker taż-żejt Erika (1999) wassal għall-proposti tal-pakkett dwar is-sikurezza marittima<sup>1</sup> li jinkludi r-[Regolament \(KE\) Nru 1406/2002](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li stabbilixxa l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), emendat ħames darbiet minn dak iż-żmien 'l hawn.

L-emenda fl-2013 li tagħmel distinzjoni bejn il-kompiti ċentrali u dawk anċillari issa ma għadhiex valida. Dan flimkien mal-ħtieġa li jiġu inkorporati u riflessi l-kompiti ġodda dejjem jikbru tal-EMSA, mhux riflessi fil-mandat attwali, kien jitlob Regolament kompletament ġdid dwar l-EMSA biex jissostitwixxi dak attwali.

### *Objettivi tal-proposta*

Għalhekk, din il-proposta għandha l-għan li l-kompiti u l-objettivi attwali tal-EMSA jiġu ankrati u riflessi aħjar fir-Regolament fundatur tagħha sabiex legalment ikollha l-mandat biex tissodisfa dawk l-għanijiet, li huma mil-lum fl-oqsma tas-sikurezza marittima, is-sostenibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza u l-assistenza fil-ġestjoni tal-kriżijiet, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu. Din il-proposta żżomm il-kompiti li diġà huma riflessi fil-mandat attwali tal-Aġenzija filwaqt li tirrifletti l-kompiti l-ġodda u taġġorna d-dispożizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji, filwaqt li tallinjahom mal-qafas il-ġdid.

Ir-reviżjoni proposta għandha wkoll l-għan li tagħmel ir-Regolament fundatur tal-EMSA validu għall-futur billi tippermetti biżżejjed flessibbiltà biex jiġu inkorporati kompiti ġodda fl-indirizzar tal-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-settur marittimu u tiżgura li l-EMSA jkollha riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex tissodisfa r-rwol tagħha.

### *Interazzjoni ma' proposti oħra tal-pakkett dwar is-Sikurezza Marittima*

Din l-inizjattiva tagħmel parti mill-pakkett biex jiġu mmodernizzati r-regoli tal-UE dwar is-sikurezza marittima u jiġi evitat it-tniġġis tal-ilma mill-vapuri. L-eżitu tan-negozjati dwar il-proposti l-oħra se jaffettwa b'mod qawwi l-kontenut finali tar-regolament fundatur il-ġdid tal-EMSA. Dan ifisser li ħafna mill-kompiti l-ġodda previsti huma derivati mid-dispożizzjonijiet il-ġodda li jinsabu fil-proposti l-oħra (il-kontroll mill-Istat tal-port, ir-reqwiziti b'rabta mal-Istat tal-bandiera, l-investigazzjoni tal-aċċidenti u t-tniġġis ikkawżat mill-vapuri).

### *Implikazzjonijiet baġitarji*

Fl-impatt finanzjarju stmat tal-proposta, meħmuż mill-Kummissjoni, iżda mhux inkluż fl-

---

<sup>1</sup> Erika I (COM(2000)142) u Erika II (COM(2000)802)

artikoli proposti, hemm miktub li se jkunu meħtieġa baġit addizzjonali ta' EUR 50,997 miljun u 33 pożizzjoni addizzjonali għall-bqija tal-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali 2021-2027.

Ir-rapporteur tixtieq tenfasizza li l-Kummissjoni semmiet li “l-kompiti allokatil lill-EMSA se jirrikjedu riprogrammazzjoni tal-linja baġitarja għall-kontribuzzjoni annwali lill-Aġenzija (02 10 02) fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti. Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet għall-EMSA se tiġi kkompensata minn tnaqqis kumpensatorju tal-infiq ipprogrammat taħt l-FNE tat-Trasport”.

Ir-rapporteur għalhekk tapprezza ħafna jekk il-kompiti l-ġodda dejjem jikbru li se jitwettqu mill-EMSA bis-saħħa ta' dawn ir-riżorsi finanzjarji ġodda ma jkunux ta' ħsara għall-proġetti attwalment iffinanzjati permezz tal-istrument Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).

### *Il-pożizzjoni tar-rapporteur*

#### Kunsiderazzjonijiet Ġenerali

Ir-rapporteur tirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti li jiġi rivedut u aġġornat ir-Regolament fundatur eżistenti, b'mod partikolari l-kompetenzi u r-regoli organizzattivi tiegħu. Ta' min jinnota li ħafna kompiti msemmija fil-proposta, diġà qed jiġu implimentati mingħajr bażi legali ċara.

Għaldaqstant, ir-rapporteur tfaħħar din il-Proposta għall-fatt li tindirizza l-iżviluppi marittimi notevoli fl-Unjoni. Twessa' l-kompetenza tal-EMSA f'oqsma bħas-sikurezza marittima, is-sostenibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni, is-sigurtà, iċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza, l-assistenza għall-ġestjoni tal-kriżijiet, u t-trasformazzjoni diġitali tal-ekosistema marittima. Dan it-titjib ikompli jissolidifika qasam marittimu sigur u sostenibbli.

### *Preżentazzjoni tal-emendi tar-rapporteur*

Ir-rapporteur tenfasizza l-importanza assoluta li tiżdied il-flessibbiltà għall-EMSA. Konsegwentement, il-proposta tiffoka fuq erba' elementi kruċjali, imfassla biex isaħħu l-istatura tal-EMSA kemm fl-Unjoni kif ukoll esternament. L-oġġettiv huwa li l-EMSA titqies bħala hub ta' għarfien u kondivizzjoni tad-data f'konformità mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni.

Il-bidliet issuġġeriti huma kkategorizzati f'erba' taqsimiet distinti: kompiti ddelinjati, ir-rwol tal-EMSA fil-pjattaforma internazzjonali, l-istruttura ta' governanza, u l-allokkazzjonijiet finanzjarji flimkien mal-kapaċitajiet.

L-ewwel taqsima tal-emendi tikkonċerna l-kompiti assenjati lill-Aġenzija. Ir-rapporteur temmen li huwa meħtieġ rwol aktar proattiv fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-portijiet marittimi, bħala parti mill-ekosistema marittima. L-involviment akbar tal-EMSA fil-ġestjoni tal-portijiet marittimi wassal għal era ġdida ta' effiċjenza u sikurezza. Permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mal-awtoritajiet tal-portijiet, l-EMSA tgħin biex jiġu stabbiliti u jinżammu standards għoljin ta' sikurezza, jiġu appoġġati d-dekarbonizzazzjoni u s-sostenibbiltà u ffaċilitati l-operazzjonijiet tal-bastimenti b'inqas xkiel. Dan l-approċċ proattiv isaħħaħ il-pożizzjoni tal-Ewropa bħala hub tal-kummerċ globali. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-impatti tal-EU ETS u tal-FuelEU, l-appoġġ għall-għarfien tal-portijiet dwar ir-riskji relatati mas-sikurezza b'rabta mal-bunkering u mal-ħżin meta jintużaw fjuwils

alternattivi sostenibbli u b'rabta mal-użu ta' teknoloġiji ġodda

Għal dak li għandu x'jaqşam mal-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi, l-EMSA għandha tmexxi qafas komuni biex jitnaqqas il-piż għall-Istati Membri u jiġu eliminati d-disparitajiet attwali dwar ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-aċċidenti. Din il-pożizzjoni proattiva tgħin biex tipproteġi kemm il-ħajjiet kif ukoll l-ambjent.

L-EMSA tħaddan teknoloġiji mill-aktar avvanzati biex ittejjeb is-sikurezza marittima. Dan jinkludi l-użu ta' sistemi avvanzati ta' monitoraġġ, teknoloġija satellitari, u analitika tad-data biex jiġu trekkjati l-movimenti tal-bastimenti u identifikati r-riskji potenzjali u l-emerġenzi potenzjali. Dawn l-għodod għandhom jintużaw għall-Istati Membri fi kwalunkwe każ u mingħajr ma ssir talba mingħand dawn tal-aħħar. Dawn l-innovazzjonijiet jippermettu reazzjonijiet aktar rapidi għall-emerġenzi u allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi.

It-tieni punt huwa relatat mar-rwol tal-EMSA fil-livell internazzjonali. Dan ir-rwol isahha l-influenza Ewropea u l-kooperazzjoni fix-xena marittima globali. L-Aġenzija diġà tikkollabora ma' organizzazzjonijiet u sħab internazzjonali, filwaqt li trawwem ambjent marittimu aktar sikur u aktar armonizzat madwar id-dinja. Għalhekk, għandu jkollha vuċi permanenti fl-IMO.

Il-kuntest ġeopolitiku attwali juri li l-Aġenzija għandha wkoll rwol strateġiku billi tipprovi għarfien tas-sitwazzjoni marittima f'diversi okkażjonijiet. B'riżultat ta' dan, l-EMSA qed tipprovi assistenza għall-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u lill-korpi tan-Nazzjonijiet Uniti b'rabta mal-“kurituri taċ-ċereali”. Dan huwa eżempju li l-EMSA jista' jkollha wkoll rwol aktar proattiv, kull meta jkun meħtieġ, fir-rigward tal-għarfien marittimu.

It-tielet punt jikkonċerna l-governanza tal-Aġenzija. Ir-rapporteur tqis bħala kruċjali t-tiżi tar-relazzjonijiet bejn l-Aġenzija u l-Parlament Ewropew, kif imsemmi fid-dikjarazzjoni konġunta dwar l-aġenziji deċentralizzati. Għalhekk, ir-rapporteur tipproponi li l-Parlament Ewropew jiġi involut fil-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv, jinħatar rappreżentant tal-Parlament Ewropew għall-Bord tat-Tmexxija u li jiġi kkonsultat dwar il-programm pluriennali. Ir-rapporteur tqis dawn il-proposti bħala pass pożittiv lejn it-tiżi tat-trasparenza, l-irfiġh tar-responsabbiltà u l-allinjament mal-interess taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Huwa kruċjali li jiġi żgurati li t-tariffi imposti mill-EMSA jkunu proporzjonali biex jinżammu l-ekwità u l-affordabbiltà għall-partijiet ikkonċernati kollha. Tariffi proporzjonali jfissru li l-kost tas-servizzi tal-EMSA għandu jikkorrispondi mad-daqs, it-tip, jew l-impatt tal-attivitajiet marittimi involuti. Dan l-approċċ jippromwovi l-ekwità u jinkoraġġixxi Prattiki marittimi responsabbli. L-EMSA tista' tallinja aħjar l-attivitajiet tagħha mal-oġġettivi usa' tal-Unjoni Ewropea u tiżgura li s-servizzi tagħha jkunu kemm effettivi kif ukoll aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati marittimi kollha.

L-aħħar punt li tixtieq issemmi r-rapporteur huwa r-riżorsi u l-kapaċitajiet finanzjarji tal-aġenzija. Il-kompetenzi l-ġodda assenjati għandhom dejjem ikunu akkumpanjati minn riżorsi adegwati. Barra minn hekk, huwa meħtieġ impenn mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri biex jiġu ggarantiti riżorsi finanzjarji u umani xierqa.

Bħala konklużjoni, il-proposta tal-EMSA għandha tirrappreżenta sforz komprensiv biex jogħla l-livell tas-sikurezza, tas-sigurtà u tas-sostenibbiltà marittima fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Dawn l-iżviluppi jirriflettu d-dedikazzjoni tal-EMSA biex tissalvagwardja l-ibħra tagħna u tiżgura t-tkabbir kontinwu tal-industrija marittima b'mod responsabbli mil-lat ambjentali.



**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-thejjja tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
<i>Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)</i>
Ibħra Sikuri
L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Portijiet Marittimi
The European Community Shipowners' Associations (ECSA)
The Mediterranean Shipping Company (MSC Group)
GSMA Europe
Cruise Lines International Association (CLIA Europe)
The World Shipping Council (WSC)
The European International Shipowners' Association of Portugal (EISAP)
European Commission DG MOVE
The Federation of European Private Port Companies and Terminals (FEPORT)
The International Association of Classification Societies (IACS)
European Economic and Social Committee
Fincantieri Cruise Business
The International Association of Independent Tanker Owners (INTERTANKO)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

8.11.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 (COM(2023)0269 – C9-0190/2023 – 2023/0163(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Niclas Herbst

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-reviżjoni proposta tal-mandat tal-EMSA għandha l-għan li: (1) tankra u tirrifletti aħjar il-kompiti u l-objettivi kurrenti tal-Aġenzija fir-Regolament ta' twaqqif tagħha sabiex tkun legalment awtorizzata li tissodisfahom u tappoġġja lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-assistenza teknika, operazzjonali u xjentifika meħtieġa biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà marittimi, u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tas-settur; (2) tiżgura li r-Regolament ta' twaqqif tal-EMSA se jibqa' validu fil-futur billi tippermetti biżżejjed flessibilità biex jiġu inkorporati kompiti ġodda li jindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-settur marittimu; u (3) tiżgura li l-Aġenzija jkollha riżorsi umani u finanzjarji adegwati biex tissodisfa r-rwol tagħha.

Ir-rapporteur jilqa' l-għanijiet ċentrali tal-proposta u jara l-ħtieġa li jiġu inkorporati u riflessi l-kompiti l-ġodda tal-EMSA fl-oqsma tas-sikurezza marittima, is-sostenibilità, id-dekarbonizzazzjoni, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza u l-assistenza fil-ġestjoni tal-kriżijiet. Madankollu, f'konformità mal-approċċ tiegħu għall-fajls tal-aġenziji deċentralizzati, huwa jqis li s-sustanza politika tal-proposta għandha tiġi ttrattata mill-kumitati ewlenin.

Għaldaqstant, l-abbozz ta' opinjoni jiffoka fuq dawk l-oqsma li fihom il-Kumitat għall-Baġits jista' jżid il-valur, għalhekk, b'mod partikolari fuq id-dispożizzjonijiet finanzjarji, ir-regoli ta' governanza u d-dispożizzjonijiet relatati mar-rapportar u l-evalwazzjoni biex jiġi żgurat skrutinju parlamentari xieraq. Ir-rapporteur jivvaluta l-proposta b'mod partikolari fil-konfront tar-rapport Schöpflin<sup>1</sup> tal-2019, tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012 u l-Approċċ Komuni<sup>2</sup> u Regolament Finanzjarju Qafas li jirregola l-aġenziji deċentralizzati<sup>3</sup>.

### Impatt baġitarju u dispożizzjonijiet finanzjarji

Fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva annessa mal-proposta għar-reviżjoni tal-mandat, jingħataw dettalji dwar l-impatt fuq il-ħtiġijiet tal-baġit u tal-persunal tal-Aġenzija meta

<sup>1</sup> [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0134\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0134_MT.html)

<sup>2</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11450-2012-INIT/en/pdf>

<sup>3</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32019R0715>

mqabbla ma' dawk attwalment previsti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Baġit addizzjonali ta' EUR 50,997 miljun u 33 kariga addizzjonali għall-bqija tal-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) biex jiġi żgurat li l-Aġenzija jkollha r-riżorsi meħtieġa biex tinforza l-mandat rivedut tagħha. Naturalment huwa imperattiv li l-aġenzija jkollha biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex teżegwixxi l-mandat imsaħħa tagħha u se jkun importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe kompitu u responsabbiltà ulterjuri li jistgħu jiġu miftiehma fil-leġislazzjoni finali jiġu ffinanzjati kif xieraq.

L-impatt baġitarju lil hinn mill-QFP attwali – filwaqt li ovvjament huwa indikattiv u mingħajr preġudizzju għal Ftehim futur dwar il-QFP – huwa pjuttost sinifikanti u għandu jitqies matul id-deliberazzjonijiet ta' din il-proposta.

Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tindika li tikkumpensa għal dan l-impatt baġitarju permezz ta' tnaqqis kumpensatorju mill-infiq ipprogrammat skont l-FNE-Trasport fl-ambitu tal-QFP attwali.

Ir-rapporteur tagħkom jopponi bil-qawwa din l-intenzjoni. Il-kompiti addizzjonali assenjati lill-EMSA skont il-proposta kieku ma jitwettqux fl-ambitu tal-FNE-Trasport, li huwa programm fundamentali li jiżgura l-finanzjament għall-Korsiji ta' Solidarjetà u li dan stess ikun jeħtieġ riżorsi addizzjonali minħabba l-assoċjazzjoni tal-Ukrajna mal-programm. Għalhekk huwa ċar li mhuwiex adatt għar-riallokazzjonijiet.

Il-finanzjament ta' dan il-mandat estiż ma għandu jwassal għal tnaqqis tal-finanzjament ta' ebda programm prijoritarju ieħor tal-Unjoni. L-ammont tar-riżorsi finanzjarji ddedikati għal din il-proposta għandu jittieħed mill-marġnijiet mhux allokat skont il-limiti massimi tal-QFP jew jiġi mobilizzat permezz tal-istrumenti speċjali tal-QFP mhux tematiċi.

Mill-bidu tal-QFP, EUR 1.2 biljun ġew jew huma pplanati li jiġu riallokati mill-programmi għall-aġenziji. Dan huwa nofs l-ammont disponibbli fl-istrument ta' flessibbiltà sal-lum. L-ammonti globali involuti mhumiex irrilevanti u jirrikjedu eżami bir-reqqa ta' dawn ir-riallokazzjonijiet.

Ir-rapporteur jisħaq li l-adattament tan-nuqqas strutturali ta' riżorsi fl-aġenziji ma għandux jiġi kkoreġut b' soluzzjonijiet insostenibbli. Jiddispaċih li l-aġenziji mhumiex imsaħħa fil-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-QFP. Fin-nuqqas ta' tali tisħiħ, huwa saħansitra aktar kruċjali li tiżdied il-flessibbiltà fuq il-bqija tal-QFP. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kompiti tal-aġenziji kienu qed jiżdiedu immens mingħajr żieda korrispondenti fir-riżorsi baġitarji u umani, u ma hemm l-ebda raġuni li din se tieqaf fl-2024.

### **Governanza, skrutinju parlamentari u evalwazzjoni**

Il-Kummissjoni targumenta fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tagħha li fl-Artikoli 14 sa 26 li jstabbilixxu r-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-Aġenzija, ir-regoli l-ġodda proposti "*huma bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002*" u li l-"*bidliet introdotti fir-regoli f'dan il-Kapitolu huma dovuti għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji deċentralizzati u l-Approċċ Komuni (2012).*"

Ir-rapporteur minflok iqis li xi bidliet proposti mhumiex konformi mal-Approċċ Komuni. Għalhekk, jipproponi li jerġa' jiġi stabbilit bilanċ aħjar tas-setgħa bejn il-Kummissjoni u l-aġenzija u, l-aktar importanti, ineħħi d-dritt tal-veto tal-Kummissjoni fuq id-deċiżjonijiet

amministrattivi u baġitarji meħuda mill-Bord tat-Tmexxija li, fi kwalunkwe każ, ikollu dritt tal-vot skont il-prattika standard fil-governanza tal-aġenziji.

L-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar baġit u amministrazzjoni hija kruċjali għall-effettività tal-Aġenziji. Emendi oħra għandhom l-għan li jsaħħu l-iskrutinju u r-responsabbiltà parlamentari.

## **Tariffi**

Il-punt tat-tluq tar-rapporteur huwa li l-aġenziji għandu jkollhom il-baġit meħtieġ biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom mil-leġislatur. Filwaqt li l-mudelli ta' finanzjament ibbażati fuq it-tariffi huma kompletament leġittimi, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-tariffi mhumiex speċifikati b'kontroll parlamentari limitat ħafna. Bħala tali, ir-rapporteur jintroduċi emenda li tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni għal servizzi tariffarji u jipproponi – jekk il-kamp ta' applikazzjoni tat-tariffi ma jiġix definit ulterjorment fl-att bażiku – li dan jiġi definit aktar tard permezz ta' att delegat minflok l-att ta' implimentazzjoni propost. Biex tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' tali tariffi jkunu meħtieġa ċarezza akbar f'dawk li huma l-iskop u n-natura tat-tariffi u dispożizzjonijiet ċari dwar l-iskrutinju parlamentari.

## **EMENDI**

Il-Kumitat tal-Baġits jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(11a) Jenħtieġ li l-Aġenzija tikkontribwixxi b'mod proattiv għall-isforzi nazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li twettaq il-kompiti tagħha f'kooperazzjoni sħiħa mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u mal-organi tal-Unjoni, u mal-Istati Membri, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol, jiġu promossi s-sinerġija u l-komplementarjetà u b'hekk jinkisbu l-koordinazzjoni u l-iffrankar fiskali.***

### **Emenda 2**

#### **Proposta għal regolament Premessa 28**

(28) Fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, huwa essenzjali li l-Aġenzija taġixxi b'mod imparzjali, turi integrità u tistabbilixxi standards professjonali għoljin. Jenħtieġ li qatt ma jkun hemm raġuni leġittima biex wieħed jissuspetta li d-deċiżjonijiet jistgħu jiġu influwenzati minn interessi kunfliġġenti mar-rwol tal-Aġenzija bħala korp li jservi lill-Unjoni kollha kemm hi jew minn interessi jew affiljazzjoni privati ta' kwalunkwe membru tal-Bord tat-Tmexxija li joħolqu, jew għandhom il-potenzjal li joħolqu, kunflitt mat-twettiq xieraq tad-dmirijiet uffiċjali tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta regoli komprensivi dwar il-kunflitti ta' interess.

(28) Fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, huwa essenzjali li l-Aġenzija taġixxi b'mod imparzjali, turi integrità u tistabbilixxi standards professjonali għoljin. Jenħtieġ li qatt ma jkun hemm raġuni leġittima biex wieħed jissuspetta li d-deċiżjonijiet jistgħu jiġu influwenzati minn interessi kunfliġġenti mar-rwol tal-Aġenzija bħala korp li jservi lill-Unjoni kollha kemm hi jew minn interessi jew affiljazzjoni privati ta' kwalunkwe membru tal-Bord tat-Tmexxija li joħolqu, jew għandhom il-potenzjal li joħolqu, kunflitt mat-twettiq xieraq tad-dmirijiet uffiċjali tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta ***u jagħmel disponibbli għall-pubbliku*** regoli komprensivi dwar il-kunflitti ta' interess, ***filwaqt li jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew. Dawk l-arranġamenti jenħtieġ li jiżguraw b'mod partikolari li r-rappreżentanti ta' livell għoli tal-Aġenzija ma jimminawx l-integrità tagħha matul jew wara l-mandat tagħhom.***

**Emenda 3**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 31**

(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi adegwati biex twettaq il-kompiti tagħha u tingħata baġit awtonomu. Jenħtieġ li dan jiġi ffinanzjat prinċipalment minn kontribuzzjoni mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun applikabbli għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u għal kwalunkwe sussidju ieħor li għandu jiġi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awditjar tal-kontijiet isir mill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni.

(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi adegwati biex twettaq il-kompiti tagħha u tingħata baġit awtonomu. Jenħtieġ li dan jiġi ffinanzjat prinċipalment minn kontribuzzjoni mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. ***Żieda fil-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni kellha tkopri aktar kompiti fdati lill-EMSA minħabba l-mandat rivedut jenħtieġ li jittieħed esklużivament minn marġnijiet mhux allokatati taħt l-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali u/jew permezz tal-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali***

*rilevanti* Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun applikabbli għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni u għal kwalunkwe sussidju ieħor li għandu jiġi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awditjar tal-kontijiet isir mill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni.

#### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tat-tariffi u tal-imposti, jenħtieġ li jiġu ***kkonferiti setgħat*** ta' ***implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni***. ***Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***<sup>31</sup>.

*Emenda*

(33) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tat-tariffi u tal-imposti, ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-tariffi u tal-imposti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.***

---

***31 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta'***

## *implimentazzjoni*

### **Emenda 5**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Aġenzija tista', ***fuq talba tal-Kummissjoni***, tipprovdi assistenza teknika, inkluża l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ rilevanti, fir-rigward tal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, u fejn applikabbli, lill-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-MtF ta' Pariġi.

##### *Emenda*

2. L-Aġenzija tista', ***f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni***, tipprovdi assistenza teknika, inkluża l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ rilevanti, fir-rigward tal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, lill-Istati li japplikaw biex jissieħbu fl-Unjoni, u fejn applikabbli, lill-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew u lill-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-MtF ta' Pariġi.

##### *Ġustifikazzjoni*

*Ftit aktar awtonomija għall-Aġenzija tidher mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar konformi mal-Approċċ Komuni.*

### **Emenda 6**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Aġenzija tista', ***fuq talba tal-Kummissjoni*** jew tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jew tat-tnejn, tipprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis ikkawżat minn bastimenti kif ukoll tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass li jaffettwaw lil pajjiżi terzi li jikkondividu baċir tal-baħar reġjonali mal-Unjoni. L-Aġenzija għandha tipprovdi l-assistenza f'konformità mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, u mal-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament applikati b'analoġija għall-pajjiżi terzi. Dawn il-kompiti għandhom

##### *Emenda*

3. L-Aġenzija tista', ***f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni jew mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jew mat-tnejn***, tipprovdi assistenza f'każ ta' tniġġis ikkawżat minn bastimenti kif ukoll tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass li jaffettwaw lil pajjiżi terzi li jikkondividu baċir tal-baħar reġjonali mal-Unjoni. L-Aġenzija għandha tipprovdi l-assistenza f'konformità mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, u mal-kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament applikati b'analoġija għall-pajjiżi terzi. Dawn il-kompiti għandhom

jiġu kkoordinati mal-arranġamenti ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti relatati mat-tniġġis tal-baħar.

jiġu kkoordinati mal-arranġamenti ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti relatati mat-tniġġis tal-baħar.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ftit aktar awtonomija għall-Aġenzija tidher mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar konformi mal-Approċċ Komuni.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24, l-Aġenzija tista' tipprovdi, **fuq talba tal-Kummissjoni**, assistenza teknika lil pajjiżi terzi għal kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tagħha.

#### *Emenda*

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24, l-Aġenzija tista' tipprovdi, **f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni**, assistenza teknika lil pajjiżi terzi għal kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tagħha.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ftit aktar awtonomija għall-Aġenzija tidher mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar konformi mal-Approċċ Komuni.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Aġenzija tista' tidħol f'arranġamenti amministrattivi u f'kooperazzjoni ma' korpi oħrajn tal-Unjoni li jaħdmu fil-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-Aġenzija **wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni**. Dawn l-arranġamenti u kooperazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-opinjoni tal-Kummissjoni u għar-rapportar perijodiku tagħha.

#### *Emenda*

5. L-Aġenzija tista' tidħol f'arranġamenti amministrattivi u f'kooperazzjoni ma' korpi oħrajn tal-Unjoni li jaħdmu fil-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-Aġenzija. Dawn l-arranġamenti u kooperazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-opinjoni tal-Kummissjoni u għar-rapportar perijodiku tagħha.



## Ġustifikazzjoni

*Ftit aktar awtonomija għall-Aġenzija tidher mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar konformi mal-Approċċ Komuni.*

### Emenda 9

#### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta strateġija għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu. Dik l-istrateġija ***għandha tkun konformi mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u*** għandu jkollha l-għan li tassisti lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jissodisfaw ***dawn il-prijoritajiet***. Għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' programmazzjoni tal-Aġenzija, bi speċifikazzjoni tar-riżorsi assoċjati.

##### *Emenda*

6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta strateġija għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Aġenzija dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu. Dik l-istrateġija għandu jkollha l-għan li tassisti lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jissodisfaw ***il-prijoritajiet tal-UE***. Għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' programmazzjoni tal-Aġenzija, bi speċifikazzjoni tar-riżorsi assoċjati.

### Emenda 10

#### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll erba' professjonisti mis-setturi l-aktar ikkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 2, maħtura mill-Kummissjoni, mingħajr id-dritt tal-vot.

##### *Emenda*

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi wkoll erba' professjonisti mis-setturi l-aktar ikkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 2, maħtura mill-Kummissjoni, mingħajr id-dritt tal-vot ***kif ukoll esperti indipendenti wieħed li jkun partikolarment kompetenti fil-qasam tas-sikurezza marittima maħtur mill-Parlament Ewropew, bid-dritt tal-vot.***

## Ġustifikazzjoni

*F'konformità mal-Approċċ Komuni u formulazzjoni simili bħal fl-Aġenzija dwar id-Drogi.*

**Emenda 11**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-membri kollha tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-livell ta' esperjenza u kompetenza esperta rilevanti tagħhom fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom, it-tnejn li huma, **jistinkaw** għal rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija. Wieħed mill-erba' professjonisti għandu jkun rappreżentant tal-Qafas Permanenti ta' Kooperazzjoni tal-korpi tal-investigazzjoni tal-aċċidenti f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/18/KE.

*Emenda*

Il-membri kollha tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-livell ta' esperjenza u kompetenza esperta rilevanti tagħhom fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom, it-tnejn li huma, **jżguraw** rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija. Wieħed mill-erba' professjonisti għandu jkun rappreżentant tal-Qafas Permanenti ta' Kooperazzjoni tal-korpi tal-investigazzjoni tal-aċċidenti f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/18/KE.

**Emenda 12**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru l-membri tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll sostitut li jirrappreżenta lill-membri fl-assenza tiegħu/tagħha.

*Emenda*

2. Kull Stat Membru, **il-Parlament Ewropew** u l-Kummissjoni, **waqt li jagħtu l-attenzjoni xierqa lill-bilanċ bejn il-ġeneri**, għandhom jaħtru l-membri tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll sostitut li jirrappreżenta lill-membri fl-assenza tiegħu/tagħha.

**Emenda 13**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Kull membru u sostitut għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub meta jieħdu l-kariga fejn jiddikjaraw li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi. Kull membru u sostitut

*Emenda*

4. Kull membru u sostitut għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub meta jieħdu l-kariga fejn jiddikjaraw li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi. Kull membru u sostitut

għandhom jaġġornaw id-dikjarazzjoni tagħhom fil-każ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-kunflitt ta' interessi. L-Awtorità għandha tippubblika d-dikjarazzjonijiet u l-aġġornamenti fuq is-sit web tagħha.

għandhom jaġġornaw id-dikjarazzjoni tagħhom fil-każ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-kunflitt ta' interessi **jew tal-anqas darba fis-sena**. L-Awtorità għandha tippubblika d-dikjarazzjonijiet u l-aġġornamenti fuq is-sit web tagħha.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) kull sena jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot, **wara li jkun irċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni u** f'konformità mal-Artikolu 17, id-dokument ta' programmazzjoni uniku tal-Aġenzija;

#### *Emenda*

(b) kull sena jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot, f'konformità mal-Artikolu 17, id-dokument ta' programmazzjoni uniku tal-Aġenzija;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ftit aktar awtonomija għall-Aġenzija tidher mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar konformi mal-Approċċ Komuni li ma jipprevedix tali rwol għall-Kummissjoni.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt g

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(g) jistabbilixxi l-metodoloġija għaż-żjarat li għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 10. **F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tal-metodoloġija, in-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżaminaha mill-ġdid u jadottaha, possibilmment emendata, fit-tieni qari jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;**

#### *Emenda*

(g) jistabbilixxi l-metodoloġija għaż-żjarat li għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 10.

## Ġustifikazzjoni

*Ftit aktar awtonomija għall-Aġenzija tidher mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar konformi mal-Approċċ Komuni li ma jipprevedix jew ma jikkontemplax tali dritt speċjali u kważi ta' veto għall-Kummissjoni.*

### Emenda 16

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt j

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(j) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu u jippubblika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija;

##### *Emenda*

(j) jadotta regoli u għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu ***u jagħmel tali regoli disponibbli għall-pubbliku***, u jippubblika kull sena fuq is-sit web tiegħu d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija;

### Emenda 17

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt l

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(l) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu;

##### *Emenda*

(l) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ***u jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku***.

### Emenda 18

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt u

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(u) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija, inkluż l-istabbiliment ta' gruppi konsultattivi jew ta' ħidma u, fejn meħtieġ, il-modifika tagħhom;

##### *Emenda*

(u) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni tal-Aġenzija, inkluż l-istabbiliment ta' gruppi konsultattivi jew ta' ħidma u, fejn meħtieġ, il-modifika tagħhom ***filwaqt li jqis il-ħtiġijiet tal-attività tal-Aġenzija u jirrispetta l-ġestjoni baġitarja tajba***;

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt v

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(v) jiddeċiedi dwar is-servizzi li l-Aġenzija tista' toffri ***kontra t-tariffi u l-imposti u tadotta mudell qafas għat-tqassim finanzjarju tat-tariffi u l-imposti pagabbli*** kif imsemmi fl-Artikolu 26 (3), il-punt (c). ***F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar is-servizzi offruti kontra tariffi jew il-mudell qafas, in-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord Amministrattiv għandu jeżaminaha mill-ġdid u jadottaha, possibilment emendata, fit-tieni qari jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-ebda dritt speċjali u kważi ta' veto bħal dan ma huwa previst jew ikkontemplat fl-Approċċ Komuni. Il-Kummissjoni hija involuta bis-siġh fit-tfassil ta' kwalunkwe att delegat.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt x

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(x) jadotta strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, jew it-tnejn, imsemmija fl-Artikolu 11(6). ***F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tal-istrateġija, in-nuqqas ta' qbil tagħha, il-Bord Amministrattiv għandu jeżaminaha mill-ġdid u jadottaha, possibilment emendata, fit-tieni qari jew b'maġġoranza***

#### *Emenda*

(v) jiddeċiedi dwar is-servizzi li l-Aġenzija tista' toffri ***fir-rigward tat-tariffi u tal-imposti*** kif imsemmi fl-Artikolu 26(3), il-punt (c).

#### *Emenda*

(x) jadotta strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, jew it-tnejn, imsemmija fl-Artikolu 11(6).

**ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri;**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ftit aktar awtonomija għall-Aġenzija tidher mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar konformi mal-Approċċ Komuni fejn l-ebda dritt speċjali u kważi ta' veto bħal dan ma huwa previst jew ikkontemplat għall-Kummissjoni.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dokument uniku ta' programmazzjoni li fih programmazzjoni pluriennali u annwali, ibbażat fuq abbozz imressaq mid-Direttur **Amministrattiv**, li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni. **Dan** għandu **jippreżentah** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dokument ta' programmazzjoni uniku li jkun fih programmazzjoni pluriennali u annwali, ibbażat fuq abbozz imressaq mid-Direttur **Eżekuttiv**, li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni **u fir-rigward tal-programmazzjoni pluriennali wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Jekk il-Bord tat-Tmexxija jiddeċiedi li ma jqisx elementi tal-opinjoni tal-Kummissjoni, għandu jipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata. L-obbligu li tingħata ġustifikazzjoni dettaljata għandu japplika wkoll għall-elementi mqajma mill-Parlament Ewropew meta jiġi kkonsultat. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jippreżenta d-dokument ta' programmazzjoni uniku** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni **sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni hija inkluża, pereżempju, fir-Regolament dwar il-Frontex u ssaħħaħ l-obbligu ta' rendikont.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*F'każ li l-Kummissjoni tesprimi, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-adozzjoni tad-dokument ta' programmazzjoni unika, in-nuqqas ta' qbil tagħha mad-dokument, il-Bord Amministrattiv għandu jeżamina mill-ġdid dak id-dokument ta' programmazzjoni uniku u jadottah, possibbilment emendat, fi żmien xahrejn, waqt it-tieni qari jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni, jew b'unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.*

*imħassar*

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 16 diġà jagħti dettalji dwar il-mekkaniżmu tal-votazzjoni tad-dokument ta' programmazzjoni uniku. Maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Bord tat-Tmexxija tidher garanzija suffiċjenti u adegwata u hija konformi mal-Approċċ Komuni.*

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jinkludi objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Dan għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokatu għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji tal-ibbaġitjar u tal-ġestjoni bbażati fuq l-attività. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun koerenti mal-programm ta' ħidma pluriennali msemmi fil-paragrafu 7. Għandu jindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu ġew miżjuda, mibdula jew imħassra

3. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jinkludi objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Dan għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokatu għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji tal-ibbaġitjar u tal-ġestjoni bbażati fuq l-attività. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun koerenti mal-programm ta' ħidma pluriennali msemmi fil-paragrafu 7. Għandu jindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu ġew miżjuda, mibdula jew imħassra

bi tqabbil mas-sena finanzjarja preċedenti. Il-programmazzjoni annwali jew pluriennali, jew it-tnejn, għandhom jinkludu l-istrateġija għal relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 11 u l-azzjonijiet marbuta ma' dik l-istrateġija.

bi tqabbil mas-sena finanzjarja preċedenti. Il-programmazzjoni annwali jew pluriennali, jew it-tnejn, għandhom jinkludu l-istrateġija għal relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 11 u l-azzjonijiet marbuta ma' dik l-istrateġija. ***Għandha tinkludi wkoll l-attivitajiet ippjanati ta' riċerka u innovazzjoni tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 3.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Simili għall-Europol.*

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jorganizza laqgħa ordinarja darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq inizjattiva tal-President jew fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' terz ***tal-Istati Membri.***

*Emenda*

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jorganizza laqgħa ordinarja darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq inizjattiva tal-President jew fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' terz ***tal-membri tiegħu.***

## **Emenda 25**

### **Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) punti (c) sa (e) u punti (i), (j), (n), (o), (p), (q), (t), (u) u fl-Artikolu 16(2) jistgħu jittieħdu biss jekk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jifgħu vot pożittiv. Għall-finijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16(1), punt (b), il-vot pożittiv tar-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkun meħtieġ biss fuq l-elementi tad-deċiżjoni mhux***

*Emenda*

***imħassar***



**relatati mal-programm ta' ħidma annwali  
u pluriennali tal-Aġenzija.**

*Ġustifikazzjoni*

*L-ġhoti tad-dritt ta' veto lill-Kummissjoni f'każijiet bħal dawn mhuwiex konformi mal-governanza standard tal-aġenziji jew mal-Approċċ Komuni li ma jipprevedu l-ebda rwol speċjali għall-Kummissjoni u jsemmi biss il-votazzjoni b'maġġoranza assoluta għal kwistjonijiet dwar l-attivitajiet attwali u maġġoranza ta' żewġ terzi għall-ħatra u t-tkeċċija tad-direttur, il-ħatra tal-president tal-bord, l-adozzjoni tal-baġit annwali u tal-programm ta' ħidma. L-approċċ tal-Kummissjoni jipprevedi biss eċċezzjonijiet għal dan l-approċċ jekk ikun iġġustifikat f'każijiet speċifiċi. Il-Kummissjoni ma tat l-ebda raġunament f'dan is-sens.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija ma għandux jivvota.

*Emenda*

3. Kull membru **bi dritt tal-vot** għandu jkollu vot wieħed. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija ma għandux jivvota.

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) jiddeċiedi dwar dawk il-kwistjonijiet previsti fir-regoli finanzjarji adottati skont l-Artikolu 25 li mhumiex riżervati għall-Bord tat-Tmexxija minn dan ir-Regolament;**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun

magħmul mill-President tal-Bord tat-Tmexxija, rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija u minn *tlit* membri oħrajn li jinħatru mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu *li jkollhom id-dritt tal-vot*. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv, *iżda ma għandux ikollu d-dritt tal-vot*.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun ta' 4 snin bil-possibbiltà li jiġġedded. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jintemm meta tintemm is-sħubija tagħhom fil-Bord tat-Tmexxija.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

magħmul mill-President *u mill-Viċi President* tal-Bord tat-Tmexxija, rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija u *żewġ* membri oħra maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv. *Il-Bord Eżekuttiv jista' jistieden lil osservaturi oħra biex jattendu għal-laqgħat tal-Bord.*"

*Emenda*

5. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun ta' 4 snin bil-possibbiltà li jiġġedded *darba*. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jintemm meta tintemm is-sħubija tagħhom fil-Bord tat-Tmexxija.

*Emenda*

*6a. Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'kunsens. Jekk il-Bord Eżekuttiv ma jkunx f'pożizzjoni li jieħu d-deċiżjoni b'kunsens, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Bord tat-Tmexxija.*

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinġenar mill-Bord tat-Tmexxija fuq il-bażi ***tal-mertu u tal-ħiliet, minn lista ta' kandidati proposti*** mill-Kummissjoni, ***wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti*** li għandha ttrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri.

*Emenda*

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinġenar mill-Bord tat-Tmexxija ***f'konformità mal-proċedura li ġejja:***

***(a) fuq il-bażi ta' lista ristretta mfassla mill-Kummissjoni wara sejħa għall-kandidaturi u proċedura ta' għażla trasparenti li se ttrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri, l-applikanti se jintalbu jindirizzaw lill-Kunsill u lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġbu mistoqsijiet;***

***(b) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill imbagħad jagħtu l-opinjoni tagħhom u jiddikjaraw il-preferenzi tagħhom;***

***(c) il-Bord tat-Tmexxija jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv waqt li jikkunsidra dawn l-opinjonijiet.***

*Ġustifikazzjoni*

*Simili għall-aġenzija FRA*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi ingaġġat bħala aġent temporanju tal-Aġenzija skont l-Artikolu 2, il-punt (a), tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra u jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-Aġenzija.***

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jqis l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn 5 snin.

#### *Emenda*

4. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jqis l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn 5 snin. ***Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Qabel ma l-Bord tat-Tmexxija jieħu d-deċiżjoni tiegħu li jestendi l-mandat, id-Direttur Eżekuttiv jista' jintalab jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Simili għall-aġenzija FRA*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess kariga.

#### *Emenda*

5. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura ta' selezzjoni oħra għall-istess kariga ***fi tmiem il-perjodu kumplessiv.***

## Emenda 35

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa

#### *Emenda*

6. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa

mill-kariga biss fuq deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

mill-kariga biss fuq deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati bir-raġunijiet.***

**Emenda 36**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra, l-estensjoni tal-mandat jew it-tneħħija mill-kariga tad-Direttur Eżekuttiv fuq il-bażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot.***

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***7. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi ingaġġat bħala aġent temporanju tal-Aġenzija skont l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħrajn.***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Tmexxiet għall-bidu ta' dan l-Artikolu.*

**Emenda 38**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 23 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3. Id-Direttur Eżekuttiv jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni ta' dmirijietu meta jintalab***

***3. Id-Direttur Eżekuttiv jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni ta' dmirijietu meta jintalab***

jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar il-prestazzjoni ta' dmirijietu.

jagħmel dan. Il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar il-prestazzjoni ta' dmirijietu. ***Id-Direttur jista' jissejjaħ fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill biex jattendi seduta ta' smiġh dwar kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-attivitajiet tal-Aġenzija.***

### Emenda 39

#### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jiżgura l-amministrazzjoni ***sostenibbli u effiċjenti*** ta' kuljum tal-Aġenzija;

*Emenda*

(a) jiżgura l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija;

### Emenda 40

#### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ***kwalunkwe tariffa u imposta*** għall-infrastruttura, għall-pubblikazzjonijiet, għat-taħriġ ***jew għal kwalunkwe servizz ieħor*** li ***jaqa'*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ipprovdut mill-Aġenzija f'konformità mal-atti ***ta' implimentazzjoni*** adottati skont l-Artikolu 33;

*Emenda*

(c) ***tariffi*** u ***imposti*** għall-infrastruttura, għall-pubblikazzjonijiet ***u*** għat-taħriġ li ***jaqgħu*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ipprovdut mill-Aġenzija f'konformità mal-atti ***delegati*** adottati skont l-Artikolu 33;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Bħala punt tat-tluq, il-fehma hija li l-formulazzjoni tal-Kummissjoni tipprowdi kamp ta' applikazzjoni kbir wisq u mhux definit għal kwalunkwe tariffa possibbli u ma ssir l-ebda distinzjoni ċara fejn il-baġit tal-UE u fejn it-tariffi għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tal-aġenziji. Id-delega ta' dan lill-atti ta' implimentazzjoni tidher li mhijiex xierqa. Hemm bżonn ta' aktar analiżi.*

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) L-ammont u l-oriġini ta' kwalunkwe dħul imsemmi fil-punti (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu inklużi fil-kontijiet annwali tal-Aġenzija u spjegati fid-dettall b'mod ċar fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Aġenzija msemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 29.*

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

8. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija. Dar ser isir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, għandu jiġi aġġustat skont il-każ.

8. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija ***b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri bid-dritt tal-vot***. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, għandu jiġi aġġustat skont il-każ.

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Sabiex tikseb iffrankar finanzjarju, l-Aġenzija għandha tikkoopera mill-viċin, meta jkun il-każ, mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u mal-organi oħra tal-Unjoni, speċjalment dawk li għandhom is-sede tagħhom fl-istess Stat Membru.***

#### Emenda 44

##### Proposta għal regolament Artikolu 33 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Atti **ta' implimentazzjoni** li jirrigwardaw tariffi u imposti

*Emenda*

Atti **delegati** li jirrigwardaw tariffi u imposti

#### Emenda 45

##### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, atti **ta' implimentazzjoni** li jispeċifikaw:

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tadotta, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, atti **delegati** li jispeċifikaw:

#### Emenda 46

##### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-Aġenzija, **b' mod partikolari** b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(3), il-punt (c); kif ukoll

*Emenda*

(a) it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-Aġenzija b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(3), il-punt (c); kif ukoll

#### Emenda 47

##### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).**

*Emenda*

**imħassar**



## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 34

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Artikolu 34*

##### *Proċedura ta' kumitat*

- 1. Il-Kummissjoni se tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup>. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*
- 2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, se japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

---

<sup>45</sup> *Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).*

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

- 1. Sabiex tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 l-Aġenzija għandha tadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.*

*Emenda*

#### *imħassar*

- 1. Sabiex tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, **kif ukoll l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tal-protezzjoni ambjentali**, l-Aġenzija għandha tadotta dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-*

Aġenzija.

**Emenda 50**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 38 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Aġenzija għandha tiġi mħeġġa tuża pjattaformi interoperabbli bħall-EDES, sabiex ittaffi r-riskji potenzjali elenkati fil-paragrafu 1.**

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Ir-rapporteur ma rċieva l-ebda feedback mill-entitajiet jew mill-persuni għat-tħejjija tal-abbozz ta' opinjoni sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0269 – C9-0190/2023 – 2023/0163(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.7.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Niclas Herbst 28.6.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	9.10.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.11.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 –: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Olivier Chastel, Andor Deli, José Manuel Fernandes, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Hervé Juvin, Moritz Körner, Pierre Larrouturou, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Andrey Novakov, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Rainer Wieland, Angelika Winzig
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Olbrycht, Mauri Pekkarinen
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Lena Düpont, Mónica Silvana González, Catherine Griset, Predrag Fred Matić

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ID	Catherine Griset
NI	Andor Deli, Hervé Juvin
PPE	Lena Düpont, José Manuel Fernandes, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Eleni Stavrou, Rainer Wieland, Angelika Winzig
Renew	Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Moritz Körner, Mauri Pekkarinen, Nils Torvalds
S&D	Mónica Silvana González, Eero Heinäluoma, Pierre Larroustourou, Margarida Marques, Predrag Fred Matić, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Alexandra Geese

1	-
NI	Lefteris Nikolaou-Alavanos

1	0
ECR	Bogdan Rzońca

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

29.11.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 (COM(2023)0269 – C9-0190/2023 – 2023/0163(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Clara Aguilera

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-2002, ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 stabbilixxa l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) sabiex issaħħaħ il-qafas legali tal-UE fir-rigward ta' żewġ objettivi ewlenin: li jiġi stabbilit livell għoli ta' sikurezza marittima fl-Unjoni kollha u li jiġi evitat it-tniġġis u jkun hemm reazzjoni għalih. Minn mindu ġie adottat, dan ir-Regolament ġie sussegwentement modifikat, iżda wara l-evalwazzjoni esterna mwettqa fuq l-EMSA fl-2017, ġie konkluż li kien meħtieġ li jiġi adottat regolament ġdid.

Konsegwentement, l-għan tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2023)269 final) huwa li tadatta l-mandat tal-EMSA għall-iżviluppi l-ġodda tal-leġiżlazzjoni tal-UE, tal-komunità xjentifika, tas-settur marittimu u tal-prijoritajiet soċjali u ambjentali. B'mod partikolari, l-Aġenzija kienet qed twettaq kompiti li ma kinux fir-regolament preċedenti, u għalhekk huwa importanti li dawn jiġu aġġornati wkoll filwaqt li tiġi pprovduta ċerta flessibilità sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet futuri tas-settur marittimu.

Għal din ir-raġuni, ir-rapporteur tappoġġja r-Regolament u tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-punti li ġejjin:

- ir-rapporteur tqis li l-proposta għal regolament għandha tirreferi għal “attivitàjiet marittimi” u mhux għal “trasport marittimu” meta tindirizza l-kompiti relatati mas-sikurezza marittima. Is-settur tas-sajd għandu impatt ekonomiku u soċjali importanti fl-UE, u mhux biss joħloq il-ġid u l-impjiegi iżda għandu rwol ewlieni fil-provvista tal-ikel. Għalhekk, dan ma jistax jiġi injorat, u speċjalment meta s-sajd jitqies bħala attività marittima perikoluża ħafna u meta ħafna mill-aċċidenti rreġistrati mill-EMSA jinvolvu bastimenti tas-sajd.

Barra minn hekk, ir-rapporteur tqis li l-EMSA għandha tintervjeni, tirrapporta u tirreġistra data fir-rigward ta' diżgrazzji u inċidenti marittimi li jinvolvu kwalunkwe tip u kwalunkwe daqs ta' bastiment. S'issa, l-Aġenzija tagħmel dan biss meta l-bastiment involut ikun itwal minn 15-il metru jew jekk bastiment iżgħar ikun involut f'aċċident

ma' bastiment ta' 15-il metru jew aktar. 85 % tal-bastimenti tas-sajd fl-UE huma inqas minn 12-il metru u huma dawk li jiffaċċjaw aktar riskji għas-sikurezza peress li ma għandhomx spazji protettivi u huma vulnerabbli mmens għal kundizzjonijiet tat-temp severi u tagħmir tas-sajd tqil.

- ir-rapporteur tqis li biex jinkiseb livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima, huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet aħjar ta' sikurezza u tax-xogħol għall-ħaddiema. Is-sajjieda b'mod speċifiku jiffaċċjaw riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza normalment minħabba nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ tal-persunal dwar is-sikurezza. Għaldaqstant, l-EMSA għandha taħdem fuq l-armonizzazzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien adegwati għas-sajjieda, kif ukoll miżuri ta' sikurezza abbord fi kwalunkwe tip ta' bastiment. Għandha tippovdi wkoll taħriġ effettiv rigward is-sikurezza, id-diġitalizzazzjoni u l-attivitajiet nawtiċi u tas-sajd. Barra minn dan, huwa essenzjali li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati u li tiżdied il-kooperazzjoni bejn is-sistemi edukattivi tal-Istati Membri.
- ir-rapporteur tqis li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija għandu jinkludi rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew li ma għandux ikollu drittijiet tal-vot. Fir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd (COM(2018)0368 – C8-0238/2018 – 2018/0193(COD)) din il-possibbiltà diġà ġiet inkluża, u għalhekk, sabiex tinżamm il-koerenza fi ħdan l-Aġenziji Ewropej, għandu jittieħed l-istess approċċ hawnhekk.
- ir-rapporteur tqis li l-proposta għandha tistabbilixxi l-ħtieġa tal-Aġenzija li ssaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-settur tas-sajd u jkollha indikaturi soċjali biex tivvaluta jekk l-aspetti soċjali humiex qed jitqiesu meta tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Ġew adottati għadd ta' miżuri leġiżlattivi fl-Unjoni sabiex jittejjbu s-sikurezza u s-sigurtà marittima, tiġi promossa s-sostenibbiltà, billi jiġi pprevenut ukoll it-tniġġis, u bid-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir, u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u d-

##### *Emenda*

(1) Ġew adottati għadd ta' miżuri leġiżlattivi fl-Unjoni sabiex jittejjbu s-sikurezza u s-sigurtà marittima, tiġi promossa s-sostenibbiltà, billi jiġi pprevenut ukoll it-tniġġis, u bid-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir **u ta' attivitajiet marittimi oħra bħas-sajd**, u jiġi

diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu. Sabiex tkun effettiva, din il-leġiżlazzjoni jenħtieġ li tiġi applikata b'manjiera xierqa u uniformi fl-Unjoni kollha. **Din tiżgura** kundizzjonijiet ekwi, **tnaqqis tad-distorsjoni** tal-kompetizzjoni li tirriżulta minn vantaġġi ekonomiċi li jitgawdew minn vapuri li ma humiex konformi mar-regoli u **tippremja** lill-partijiet marittimi serji.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu. Sabiex tkun effettiva, din il-leġiżlazzjoni jenħtieġ li tiġi applikata b'manjiera xierqa u uniformi fl-Unjoni kollha. **Dan jiżgura** kundizzjonijiet ekwi, **inaqqas id-distorsjoni** tal-kompetizzjoni li tirriżulta minn vantaġġi ekonomiċi li jitgawdew minn vapuri li ma humiex konformi mar-regoli u **jippremja** lill-partijiet marittimi serji.

*Emenda*

**(1a) Is-settur tas-sajd għandu rati għoljin ta' aċċidenti, li għandhom ukoll livelli għoljin ta' mortalità, u r-rwol importanti tat-taħriġ tas-sajjieda f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza tax-xogħol.**

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) Kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Settembru 2021 dwar l-attrazzjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' ħaddiema lejn l-industrija tas-sajd u l-ħolqien ta' impjegi fil-komunitajiet kostali, huwa essenzjali li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord, kif ukoll is-sikurezza u l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati u evitati l-inċidenti u l-aċċidenti fuq il-baħar. Il-mandat tal-EMSA jenħtieġ li jiġi estiż għal dawk il-bastimenti tas-sajd fejn għad hemm tħassib sinifikanti dwar is-**



*sikurezza, billi jiġu inklużi l-monitoraġġ u r-rappurtar ta' inċidenti u aċċidenti fuq il-baħar, li bħalissa mhumiex koperti mir-Regolament tal-EMSA, jiġifieri aċċidenti serji u fatali li jinvolvu bastimenti tas-sajd żgħar.*

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Dawn l-oġettivi jenħtieġ li jiddefinixxu l-oqsma tal-involviment tal-Aġenzija fl-appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'assistenza teknika u operazzjonali sabiex jiġu implimentati l-politiki tal-Unjoni fil-qasam marittimu.

*Emenda*

(9) Dawn l-oġettivi jenħtieġ li jiddefinixxu l-oqsma tal-involviment tal-Aġenzija fl-appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'assistenza teknika u operazzjonali sabiex jiġu implimentati l-politiki tal-Unjoni fil-qasam marittimu ***kif ukoll il-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji oħra tal-UE bħall-EFCA.***

#### Emenda 5

##### Proposta għal regolament Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Għall-kisba xierqa ta' dawn l-oġettivi, huwa xieraq li l-Aġenzija twettaq kompiti speċifiċi fil-qasam tas-sikurezza marittima, is-sostenibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, is-sigurtà marittima u ċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza marittima u l-kriżijiet marittimi u l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iskambji tad-data fil-qasam marittimu.

*Emenda*

(10) Għall-kisba xierqa ta' dawn l-oġettivi, huwa xieraq li l-Aġenzija twettaq kompiti speċifiċi fil-qasam tas-sikurezza marittima, ***il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri,*** is-sostenibbiltà, id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu, is-sigurtà marittima u ċ-ċibersigurtà, is-sorveljanza marittima u l-kriżijiet marittimi u l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iskambji tad-data fil-qasam marittimu. ***Hija u twettaq dawn il-kompiti, jenħtieġ li l-Aġenzija tagħti attenzjoni lill-ispeċifiċitajiet tat-tipi differenti ta' attivitajiet marittimi b'attenzjoni speċifika lill-kundizzjonijiet applikabbli għas-settur tas-sajd.***

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11a) Jenħtieġ li l-Aġenzija tagħti attenzjoni speċjali lis-settur tas-sajd meta twettaq il-kompiti tagħha, peress li dan għandu impatt ekonomiku u soċjali importanti fl-UE. B'mod partikolari, il-bastimenti tas-sajd u l-ħaddiema huma vulnerabbli mmens għar-riskji tas-sikurezza marittima u għandhom rwol rilevanti fit-tranżizzjoni ekoloġika.**

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14) Fir-rigward tas-sikurezza marittima, l-Aġenzija jenħtieġ li tiżviluppa approċċ proattiv **fid-determinazzjoni** tar-riskji u tal-isfidi tas-sikurezza li abbażi tagħhom jenħtieġ li tippreżenta lill-Kummissjoni rapport kull 3 snin dwar il-progress **fis-sikurezza** marittima. Barra minn hekk, l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, speċjalment fl-oqsma tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera u tal-port, l-investigazzjoni tal-aċċidenti tal-baħar, il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri, l-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti u t-tagħmir tal-baħar. Fl-aħħar, l-Aġenzija jenħtieġ li jkollha rwol proattiv fl-assistenza **għall-iskjerament** ta' vapuri tal-wiċċ awtonomi u awtomatizzati marittimi, filwaqt li huwa importanti wkoll li tinġabar aktar data fil-qasam tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni għall-baħħara u l-

(14) Fir-rigward tas-sikurezza marittima, l-Aġenzija jenħtieġ li tiżviluppa approċċ proattiv **fl-identifikazzjoni** tar-riskji u tal-isfidi tas-sikurezza **għal bastimenti ta' kwalunkwe tip u daqs** li abbażi tagħhom jenħtieġ li tippreżenta lill-Kummissjoni **u lill-Parlament Ewropew** rapport kull 3 snin dwar il-progress **li jkun sar fil-qasam tas-sikurezza** marittima. **Meta l-Aġenzija tiddikjara f'rapport il-ħtieġa ta' standards ġodda ta' sikurezza, l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti l-ġodda jenħtieġ li titħaffef sabiex jiġi evitat dewmien twil bejn ir-rikonoxximent uffiċjali tal-kwistjoni u l-impatt fuq il-bastimenti u, jekk ikun hemm bżonn, għandha tkun segwita minn proposta leġiżlattiva.** Barra minn hekk, l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, speċjalment fl-oqsma tal-obbligi tal-Istat

Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC, 2006).

tal-bandiera u tal-port, l-investigazzjoni tal-aċċidenti tal-baħar, il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri, l-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti u t-tagħmir tal-baħar. Fl-aħħar, l-Aġenzija jenħtieġ li jkollha rwol proattiv fl-assistenza **għall-użu** ta' vapuri tal-wiċċ awtonomi u awtomatizzati marittimi, filwaqt li huwa importanti wkoll li tinġabar aktar data fil-qasam tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni għall-baħħara u l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC, 2006). ***Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-Aġenzija taħdem favur ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tat-taħriġ u tas-sikurezza tas-sajjieda u tal-baħħara sabiex jittejbu l-opportunitajiet kummerċjali filwaqt li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, aġenziji oħra, u l-moviment liberu tal-forza tax-xogħol.***

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(14a) Jistieden lill-Kummissjoni tittrasponi l-Konvenzjoni Internazzjonali tal-IMO dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F 1995), fid-dritt tal-UE sabiex jinkiseb qafas armonizzat għal livell minimu ta' taħriġ tas-sajjieda fl-Ewropa.***

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 14b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(14b) Fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd,***

*il-mandat tal-EMSA jenħtieġ li jiġi estiż biex jinkludi monitoraġġ regolari u informazzjoni statistika sistematika, armonizzata fil-livell tal-UE, dwar inċidenti u aċċidenti li jinvolvu bastimenti li d-Direttiva 2009/18/KE ma tkoprihomx. Permezz tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-bidliet f'dawn iċ-ċifri, b'mod partikolari fir-rigward taż-żoni ġeografiċi, il-flotot u l-irkaptu tas-sajd li jintuża, se jkun possibbli li jinstabu soluzzjonijiet biex tittejjeb, titnaqqas u tiġi evitata l-okkorrenza tal-aċċidenti, b'mod partikolari f'bastimenti tas-sajd lokali u kostali.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 17

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) F'dan ir-rigward, filwaqt li l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, jenħtieġ li hija tkompli tassisti fl-implimentazzjoni tal-miżuri regolatorji l-ġodda għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tbaħħir, bħala riżultat tal-pakkett leġiżlattiv “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, bħar-Regolament [...] dwar l-użu ta’ fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u l-elementi relatati mat-tbaħħir tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra fil-Komunità. L-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tkun fuq quddiem nett tal-għarfien espert fil-livell tal-Unjoni biex tassisti fit-tranżizzjoni tas-settur għal fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju billi twettaq riċerka u ttiprovdi gwida dwar ***l-użu u l-iskjerament*** ta’ sorsi alternattivi sostenibbli

##### *Emenda*

(17) F'dan ir-rigward, filwaqt li l-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, jenħtieġ li hija tkompli tassisti fl-implimentazzjoni tal-miżuri regolatorji l-ġodda għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tbaħħir ***u ta’ attivitajiet marittimi oħra bħas-sajd***, bħala riżultat tal-pakkett leġiżlattiv “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, bħar-Regolament [...] dwar l-użu ta’ fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u l-elementi relatati mat-tbaħħir tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra fil-Komunità. L-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tkun fuq quddiem nett tal-għarfien espert fil-livell tal-Unjoni biex tassisti fit-tranżizzjoni tas-settur għal fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju billi twettaq riċerka u ttiprovdi gwida dwar ***l-adozzjoni***

ta' enerġija għall-vapuri, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri u fir-rigward ***tal-iskjerament*** ta' soluzzjonijiet ta' assistenza għall-effiċjenza enerġetika u għall-propulsjoni eolika. Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur ***tat-tbaħħir***, l-Aġenzija jenħtieġ li tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-isforzi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u kwalunkwe rakkomandazzjoni li jista' jkollha kull 3 snin.

---

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

<sup>26</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

u ***l-użu*** ta' sorsi alternattivi sostenibbli ta' enerġija għall-vapuri, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri u fir-rigward ***tal-użu*** ta' soluzzjonijiet ta' assistenza għall-effiċjenza enerġetika u għall-propulsjoni eolika. ***Fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd, jenħtieġ li jitqiesu l-irkapti u ż-żoni tas-sajd differenti meta jiġu rċerka sorsi alternattivi tal-enerġija.*** Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur ***marittimu***, l-Aġenzija jenħtieġ li tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-isforzi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u kwalunkwe rakkomandazzjoni li jista' jkollha kull 3 snin.

---

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

<sup>26</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

*Emenda*

***(17a) F'dak li għandu x'jaqsam mas-settur tas-sajd, filwaqt li dawn il-miżuri kollha huma essenzjali biex jiġi żgurat li jkollna ibħra nodfa, li min-naħa tagħhom huma essenzjali għal dawk li jixtiequ jistadu, irabbu u jbigħu prodotti ta' kwalità mill-baħar, dawn il-miżuri jridu***

*jkunu akkumpanjati mill-allokkazzjoni meħtieġa ta' fondi u inċentivi sabiex isostnu l-operazzjonijiet tas-sajd, speċjalment dawk tas-segment artiġjanali u fuq skala żgħira.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) L-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta huma responsabbli għal firxa wiesgħa ta' kompiti, li jistgħu jinkludu s-sikurezza, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ fuq il-baħar, il-kontroll tal-fruntieri, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll doganali, l-infurzar tal-liġi ġenerali u l-protezzjoni ambjentali. L-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>, u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>, għalhekk jenħtieġ li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, fil-mandat tagħhom, kemm bejniethom kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, sabiex iżidu s-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni marittima u biex jappoġġaw azzjoni koerenti u kosteffiċjenti.

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea

#### *Emenda*

(23) L-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta huma responsabbli għal firxa wiesgħa ta' kompiti, li jistgħu jinkludu s-sikurezza, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ fuq il-baħar, il-kontroll tal-fruntieri, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll doganali, l-infurzar tal-liġi ġenerali u l-protezzjoni ambjentali. L-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>, u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>, għalhekk jenħtieġ li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, kemm bejniethom kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu l-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, sabiex iżidu s-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni marittima u biex jappoġġaw azzjoni koerenti u kosteffiċjenti, **billi jipprovdu servizzi, informazzjoni, teknoloġija, tagħmir u taħriġ, kif ukoll billi jikkoordinaw operazzjonijiet bi skopijiet multipli, jiġbru data għar-riċerka xjentifika, jimmonitorjaw l-ibħra Ewropej u jimplimentaw programmi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.**

<sup>29</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea

tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18).

tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18).

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 36a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(36a) Jenħtieġ li l-Aġenzija ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trattament ta' inċidenti fuq il-baħar li jinvolvu bastimenti tas-sajd.***

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni effettivi tad-dritt tal-Unjoni relatat **mat-transport** marittimu madwar l-Unjoni. Għal dak il-għan, l-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni u ttiprovdihom assistenza teknika, operazzjonali u xjentifika fl-ambitu tal-oġettivi u tal-kompiti tal-Aġenzija stabbiliti fl-Artikolu 2 u fil-Kapitoli II u III.

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni effettivi tad-dritt tal-Unjoni relatat **mat-traffiku** marittimu madwar l-Unjoni. Għal dak il-għan, l-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni u ttiprovdihom assistenza teknika, operazzjonali u xjentifika fl-ambitu tal-oġettivi u tal-kompiti tal-Aġenzija stabbiliti fl-Artikolu 2 u fil-Kapitoli II u III.

## Emenda 15

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Billi ttiprovdi l-assistenza msemmija fil-paragrafu 2, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex japplikaw l-atti legali rilevanti tal-Unjoni kif xieraq filwaqt li tikkontribwixxi għall-effiċjenza ġenerali tat-traffiku marittimu u tat-trasport marittimu kif stabbilit f'dan ir-Regolament, sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni fil-qasam ***tat-trasport*** marittimu.

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-oġġettivi tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni u l-istabbiliment ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima bl-għan li jkun hemm aċċidenti żero, sigurtà marittima, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri u s-sostenibbiltà tas-settur marittimu kif ukoll il-prevenzjoni u r-rispons għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u r-rispons għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

*Emenda*

3. Billi ttiprovdi l-assistenza msemmija fil-paragrafu 2, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari ttiprovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex japplikaw l-atti legali rilevanti tal-Unjoni kif xieraq filwaqt li tikkontribwixxi għall-effiċjenza ġenerali tat-traffiku marittimu u tat-trasport marittimu kif stabbilit f'dan ir-Regolament, sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni fil-qasam marittimu.

*Emenda*

1. L-oġġettivi tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni u l-istabbiliment ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima bl-għan li jkun hemm aċċidenti żero – ***inklużi l-bastimenti kollha tas-sajd*** – sigurtà marittima, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri u s-sostenibbiltà tas-settur marittimu kif ukoll il-prevenzjoni u r-rispons għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti ***ta' kull tip u daqs*** u r-rispons għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.



*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Objettivi ulterjuri tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu billi tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni elettronika tad-data li tappoġġa s-simplifikazzjoni u l-forniment ta' sistemi u servizzi integrati ta' sorveljanza u sensibilizzazzjoni marittima lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

*Emenda*

2. Objettivi ulterjuri tal-Aġenzija għandhom ikunu l-promozzjoni **armonizzata** tad-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu billi tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni elettronika tad-data li tappoġġa s-simplifikazzjoni u l-forniment ta' sistemi u servizzi integrati ta' sorveljanza u sensibilizzazzjoni marittima lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Fejn meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha, l-Aġenzija għandha twestaq studji, li jinvolvu lill-Kummissjoni u fejn applikabbli, permezz ta' gruppi ta' tmexxija tal-konsultazzjoni, lill-Istati Membri, u fejn xieraq, lis-sħab soċjali u lir-rappreżentanti tal-industrija b'għarfien espert fis-suġġetti rilevanti.

*Emenda*

5. Fejn meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha, l-Aġenzija għandha twestaq studji, li jinvolvu lill-Kummissjoni u fejn applikabbli, permezz ta' gruppi ta' tmexxija tal-konsultazzjoni, lill-Istati Membri, u fejn xieraq, lis-sħab soċjali u lir-rappreżentanti tal-industrija b'għarfien espert fis-suġġetti rilevanti, **kif ukoll tikkonsulta Aġenziji rilevanti oħra tal-UE bħall-EFCA.**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Abbażi tar-riċerka u l-istudji mwettqa mill-Aġenzija, iżda anke abbażi tal-esperjenza miksuba permezz tal-attivitajiet tagħha stess, speċjalment iż-żjarat u l-ispezzjonijiet, u l-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba mal-Istati Membri u **mal-Kummissjoni**, l-Aġenzija

*Emenda*

6. Abbażi tar-riċerka u l-istudji mwettqa mill-Aġenzija, iżda anke abbażi tal-esperjenza miksuba permezz tal-attivitajiet tagħha stess, speċjalment iż-żjarat u l-ispezzjonijiet, u l-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba mal-Istati Membri, **mal-Kummissjoni u ma' Aġenziji**

tista' toħroġ, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni, rakkomandazzjonijiet, linji gwida jew manwali rilevanti mhux vinkolanti biex tappoġġa u tiffaċilita lill-Istati Membri, u fejn xieraq lill-industrija, fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress dwar is-sikurezza ***tat-trasport marittimu*** fl-Unjoni, twestaq analiżi tar-riskju abbażi tad-data disponibbli u tiżviluppa mudelli ta' valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza biex tidentifika l-isfidi u r-riskji għas-sikurezza. Kull 3 snin din għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress fuq is-sikurezza marittima b'rakkomandazzjonijiet tekniċi possibbli li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward tar-riskji potenzjali għas-sikurezza li jirriżultaw ***mill-użu u mill-iskjerament*** ta' sorsi alternattivi ta' enerġija sostenibbli ***għall-vapuri***, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri rmiġġati.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

***rilevanti oħra tal-UE***, l-Aġenzija tista' toħroġ, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni, rakkomandazzjonijiet, linji gwida jew manwali rilevanti mhux vinkolanti biex tappoġġa u tiffaċilita lill-Istati Membri, u fejn xieraq lill-industrija, fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

#### *Emenda*

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress dwar is-sikurezza ***tal-attivitàet marittimi*** fl-Unjoni, twestaq analiżi tar-riskju abbażi tad-data disponibbli u tiżviluppa mudelli ta' valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza biex tidentifika l-isfidi u r-riskji għas-sikurezza ***rigward bastimenti ta' kwalunkwe tip u daqs***. Kull 3 snin din għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress fuq is-sikurezza marittima b'rakkomandazzjonijiet tekniċi possibbli li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha b'mod partikolari tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward tar-riskji potenzjali għas-sikurezza li jirriżultaw ***mill-adozzjoni u mill-użu ta' għal vapuri ta' kull tip u daqs***, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art lill-vapuri rmiġġati.

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni tal-bażi tad-data prevista fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/18/KE. Abbażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tiġbor ħarsa ġenerali annwali tad-diżgrazzji u l-inċidenti tal-baħar. L-Aġenzija għandha, jekk tintalab mill-Istati Membri kkonċernati u *fejn* ma jinħoloq l-ebda kunflitt ta' interess, tipprovdi appoġġ operazzjonali lil dawn l-Istati Membri fir-rigward tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza. L-Aġenzija għandha twestaq ukoll analiżi tar-rapporti tal-investigazzjoni tas-sikurezza bil-għan li tidentifika valur miżjud fil-livell tal-Unjoni f'termini ta' kwalunkwe *lezzjonijiet* rilevanti li *għandhom jittieħdu*.

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aġenzija għandha tipprovdi programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali lill-Awtoritajiet kompetenti tal-investigazzjoni tal-aċċidenti tas-sikurezza tal-baħar.

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 9**

*Emenda*

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fil-manutenzjoni tal-bażi tad-data prevista fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/18/KE. Abbażi tad-data miġbura, l-Aġenzija għandha tiġbor ħarsa ġenerali annwali tad-diżgrazzji u l-inċidenti tal-baħar, **li għandha tiġi ppreżentata skont l-Istati Membri differenti u l-attivitajiet marittimi differenti**. L-Aġenzija għandha, jekk tintalab mill-Istati Membri kkonċernati u *meta* ma jinħoloq l-ebda kunflitt ta' interess, tipprovdi appoġġ operazzjonali lil dawn l-Istati Membri fir-rigward tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza. L-Aġenzija għandha twestaq ukoll analiżi tar-rapporti tal-investigazzjoni tas-sikurezza bil-għan li tidentifika valur miżjud fil-livell tal-Unjoni f'termini ta' kwalunkwe *lezzjoni* rilevanti li *għandha tinsilet*.

*Emenda*

L-Aġenzija għandha tipprovdi programm ta' żvilupp u taħriġ professjonali lill-Awtoritajiet kompetenti tal-investigazzjoni tal-aċċidenti tas-sikurezza tal-baħar. **Hija għandha tipprovdi wkoll taħriġ effettiv dwar is-sikurezza, id-diġitalizzazzjoni, u l-attivitajiet nawtiċi u tas-sajd lill-ħaddiema tas-settur tas-sajd minħabba li l-maġġoranza joperaw f'bastimenti żgħar li huma aktar f'riskju li jsufri indiċenti.**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-Aġenzija għandha tiġbor u tanalizza d-data dwar il-baħħara pprovduta u użata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>40</sup>. ***Din tista' tiġbor u tanalizza wkoll data dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC, 2006) bl-għan li tassisti fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-baħħara.***

---

<sup>40</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 169, 27.6.2022, p. 45).

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

9. L-Aġenzija għandha tiġbor u tanalizza d-data dwar il-baħħara pprovduta u użata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>40</sup>. ***Għandha tagħmel l-istess, b'mod partikolari, fir-rigward tas-sajjieda f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F). Għandha tiġbor u tanalizza data dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC, 2006) u tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 (C188) bl-għan li tassisti fit-titjib u fl-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza, tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-baħħara u tas-sajjieda. Għandha tiġbor u tanalizza wkoll indikaturi soċjali li għandhom jitqiesu meta tipprovi appoġġ tekniku orizzontali lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri.***

---

<sup>40</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 169, 27.6.2022, p. 45).

***9a. L-Aġenzija għandha taħdem mill-qrib mal-Kummissjoni sabiex tittrasponi l-Konvenzjoni STCW-F tal-OMI fid-dritt tal-Unjoni bl-għan li jiġi stabbilit qafas armonizzat għal-livell minimu ta' taħriġ tas-sajjieda fl-Ewropa, inkluż it-taħriġ dwar is-sikurezza u d-diġitalizzazzjoni.***

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) taqsam u tirċievi informazzjoni rilevanti minn Aġenziji oħra tal-UE, bħall-EFCA, speċjalment fir-rigward ta' rkaptu tas-sajd mitluf**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress fuq il-miżuri operazzjonali u tekniċi meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-vapuri u ***l-iskjerament*** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija ***għall-vapuri*** sostenibbli, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art u l-assistenza għall-propulsjoni eolika, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri.

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-progress fuq il-miżuri operazzjonali u tekniċi meħuda biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-vapuri u ***l-użu*** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija ***u tal-elettriku*** sostenibbli ***għal vapuri ta' kull tip u daqs***, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art u l-assistenza għall-propulsjoni eolika, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fir-rigward tal-isforzi regolatorji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tista' tuża kwalunkwe għodda jew servizz operazzjonali pertinenti għall-kompitu.

2. L-Aġenzija għandha tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fir-rigward tal-isforzi regolatorji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-vapuri. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tista' tuża kwalunkwe għodda jew servizz operazzjonali pertinenti għall-kompitu.

B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward **tal-użu u l-iskjerament** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija **għall-vapuri** sostenibbli, inklużi l-provvista tal-enerġija fuq l-art u l-assistenza għall-propulsjoni eolika kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika.

B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tanalizza u tipproponi gwida jew rakkomandazzjonijiet rilevanti fir-rigward **tal-adozzjoni u l-użu** ta' fjuwils alternattivi u sistemi tal-enerġija **u tal-elettriku** sostenibbli **għal vapuri ta' kull tip u daqs**, inklużi l-provvista tal-enerġija fuq l-art u l-assistenza għall-propulsjoni eolika kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika.

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Kull 3 snin, l-Aġenzija għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tad-dekarbonizzazzjoni **tat-trasport marittimu** fil-livell tal-Unjoni. Fejn possibbli, ir-rapport għandu jinkludi analiżi teknika dwar kwistjonijiet identifikati li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni.

#### *Emenda*

6. Kull 3 snin, l-Aġenzija għandha tippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tad-dekarbonizzazzjoni **tal-attivitajiet marittimi** fil-livell tal-Unjoni. Fejn possibbli, ir-rapport għandu jinkludi analiżi teknika dwar kwistjonijiet identifikati li jistgħu jiġu indirizzati fil-livell tal-Unjoni **filwaqt li jinkludi l-ispeċifitàjiet tas-segmenti tal-flotta u tat-tipi differenti ta' vapuri. Dan ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fil-paġna web tal-Aġenzija.**

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien ma' kwalunkwe korp rilevanti ieħor tal-Unjoni, fl-iżvilupp tar-reżiljenza kontra l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fis-settur marittimu b'mod partikolari billi tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u informazzjoni dwar inċidenti taċ-

#### *Emenda*

2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien ma' kwalunkwe korp rilevanti ieħor tal-Unjoni, **speċjalment l-EFCA**, fl-iżvilupp tar-reżiljenza kontra l-inċidenti taċ-ċibersigurtà fis-settur marittimu b'mod partikolari billi tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u informazzjoni dwar

ċibersigurtà bejn l-Istati Membri.

inċidenti taċ-ċibersigurtà bejn l-Istati Membri.

### Emenda 30

#### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt d

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) li tiffaċilita l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni ***tad-data*** skambjata fl-EMSWe bl-użu ta' SafeSeaNet.

##### *Emenda*

(d) li tiffaċilita ***u ttejjeb*** l-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni ***ta' data affidabbli*** skambjata fl-EMSWe bl-użu ta' SafeSeaNet.

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Aġenzija għandha, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/1896, u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/473, kull ***wieħed*** fil-mandat ***tiegħu***, tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u, fejn xieraq, fil-livell internazzjonali permezz:

##### *Emenda*

1. L-Aġenzija għandha, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/1896, u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, stabbilita mir-Regolament (UE) 2019/473, kull ***waħda*** fil-mandat ***rispettiv tagħha***, tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta, ***jiġifieri l-monitoraġġ tas-sajd, il-kontroll fil-fruntieri, is-sikurezza marittima, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ, il-kontroll doganali, l-infurzar tal-liġi ġenerali u l-protezzjoni ambjentali***, fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u, fejn xieraq, fil-livell internazzjonali permezz:

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) tal-kondiviżjoni, tal-fużjoni u tal-analiżi ta' informazzjoni disponibbli fis-sistemi ta' rapportar tal-vapuri u sistemi oħrajn ta' informazzjoni ospitati minn jew aċċessibbli għal dawk l-aġenziji, f'konformità mal-bażijiet ġuridiċi rispettivi tagħhom u mingħajr preġudizzju għas-sjeda ta' data mill-Istati Membri;

*Emenda*

(a) tal-kondiviżjoni, tal-fużjoni u tal-analiżi ta' **data u** informazzjoni disponibbli fis-sistemi ta' rapportar tal-vapuri u sistemi oħrajn ta' informazzjoni ospitati minn jew aċċessibbli għal dawk l-aġenziji, f'konformità mal-bażijiet ġuridiċi rispettivi tagħhom u mingħajr preġudizzju għas-sjeda ta' data mill-Istati Membri;

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) tal-bini tal-kapaċitajiet billi tfassal linji gwida u rakkomandazzjonijiet u billi tistabbilixxi l-aħjar **prattiċi**, kif ukoll billi tipprovdi taħriġ u skambju tal-persunal;

*Emenda*

(c) tal-bini tal-kapaċitajiet billi tfassal linji gwida u rakkomandazzjonijiet u billi tistabbilixxi **u taqsam** l-aħjar **prattiki**, kif ukoll billi tipprovdi taħriġ u skambju tal-persunal;

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) tat-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta inkluż permezz tal-analiżi tal-isfidi operazzjonali u r-riskji emerġenti fil-qasam marittimu;

*Emenda*

(d) tat-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta inkluż permezz tal-analiżi tal-isfidi operazzjonali u r-riskji emerġenti fil-qasam marittimu **bl-użu, fost l-oħrajn, tal-għodod diġitali disponibbli biex jiġi simulat l-effett tal-inċidenti sabiex l-awtoritajiet tal-gwardja tal-kosta jiġu appoġġati fil-funzjonijiet tagħhom**;

**Emenda 35**



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) tal-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet permezz tat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet bi skopijiet multipli u **billi tikkondividi** assi u kapaċitajiet oħrajn, sal-punt li dawn l-attivitajiet ikunu kkoordinati minn dawg l-aġenziji u **huma maqbulin** mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

*Emenda*

(e) tal-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet permezz tat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet bi skopijiet multipli u **tal-kondiviżjoni ta'** assi, **tagħmir** u kapaċitajiet oħrajn, sal-punt li dawn l-attivitajiet ikunu kkoordinati minn dawg l-aġenziji u **li jintlaħaq qbil dwarhom** mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati;

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) tal-kondiviżjoni tar-riċerka, l-iżviluppi u t-teknoloġiji rilevanti, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, b'mod kollaborattiv u flessibbli, biex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi ffaċċjati fl-oqsma differenti;**

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(eb) taż-żieda fil-kooperazzjoni sabiex tinġabar data għal skopijiet ta' riċerka xjentifika tal-baħar dwar l-ekosistemi tal-baħar, l-oċeanografija fiżika, il-kimika tal-baħar, il-bijoloġija tal-baħar, is-sajd, it-tħaffir xjentifiku tal-oċeani u t-teħid ta' kampjuni xjentifiku mill-oċeani, ir-riċerka ġeoloġika u ġeofiżika, u attivitajiet oħra;**

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(e c) tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jittejbu s-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti, is-sigurtà marittima u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar;**

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ed (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ed) it-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-ibħra Ewropej biex jiġu identifikati tixrid illegali ta' skart u tixrid potenzjali ta' żejt;**

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija stabbiliti fl-Artikolu 15, il-forom preċiżi tal-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta bejn l-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jiġu ddeterminati f'arranġament ta' ħidma, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom u mar-regoli finanzjarji applikabbli għal dawk l-aġenziji. Dan l-arranġament għandu jiġi approvat mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, mill-Bord

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija stabbiliti fl-Artikolu 15, il-forom preċiżi tal-kooperazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-gwardji tal-kosta bejn l-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jiġu ddeterminati f'arranġament ta' ħidma **flessibbli**, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom u mar-regoli finanzjarji applikabbli għal dawk l-aġenziji. Dan l-arranġament għandu jiġi approvat mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, mill-Bord

Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u mill-bord tat-tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u mill-bord tat-tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

#### Emenda 41

##### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant **wieħed minn** kull Stat Membru u **minn erba' rappreżentanti mill-Kummissjoni, ilkoll bid-dritt** tal-vot.

###### *Emenda*

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant **ta'** kull Stat Membru, **erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni** u **rappreżentant wieħed tal-Parlament Ewropew. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni biss għandu jkollhom drittijiet** tal-vot.

#### Emenda 42

##### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru u **l-Kummissjoni** għandhom jaħtru l-membri tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll sostitut li jirrappreżenta lill-membri fl-assenza tiegħu/tagħha.

###### *Emenda*

2. Kull Stat Membru, **il-Kummissjoni** u **l-Parlament Ewropew** għandhom jaħtru l-membri tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija kif ukoll sostitut li jirrappreżenta lill-membri fl-assenza tiegħu/tagħha.

#### Emenda 43

##### Proposta għal regolament Artikolu 41 – paragrafu 1

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mhux aktar tard minn 5 snin wara [d-data tad-dħul fis-seħħ], u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta b'mod partikolari l-impatt, l-

###### *Emenda*

1. Mhux aktar tard minn 5 snin wara [d-data tad-dħul fis-seħħ], u kull 5 snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta b'mod partikolari l-impatt, l-

effettività u l-effiċjenza tal-Aġenzija u l-prattiki ta' ħidma tagħha. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-hteġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

effettività u l-effiċjenza tal-Aġenzija u l-prattiki ta' ħidma tagħha, ***inkluż il-kooperazzjoni tagħha ma' Aġenziji oħra tal-UE u speċjalment dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 12***. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-hteġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija, ***inkluż kif il-kooperazzjoni ma' Aġenziji oħra tal-UE tista' tittiejeb***, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

## **ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Europêche, l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea
Comisiones Obreras (CC.OO) – Settur tas-sajd
Federación Andaluza de Cofradías
Rappreżentanza Permanenti ta' Spanja għall-Unjoni Ewropea:

Il-lista ta' hawn fuq hija mfasla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0269 – C9-0190/2023 – 2023/0163(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 10.7.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Clara Aguilera 5.9.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	9.10.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.11.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 –: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, France Jamet, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, João Pimenta Lopes, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Marc Tarabella, Theodoros Zagorakis
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriel Mato
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Erik Poulsen, Anne Sander

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
NI	Marc Tarabella
PPE	Maria da Graça Carvalho, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Anne Sander, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Erik Poulsen
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Ana Miranda, Caroline Roose

1	-
ID	France Jamet

1	0
The Left	João Pimenta Lopes

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002			
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0269 – C9-0190/2023 – 2023/0163(COD)			
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	1.6.2023			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023			
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.7.2023	CONT 10.7.2023	ENVI 10.7.2023	ITRE 10.7.2023
	PECH 10.7.2023			
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	CONT 27.6.2023	ENVI 17.7.2023	ITRE 28.6.2023	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Cláudia Monteiro de Aguiar 7.7.2023			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	9.10.2023			
<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.12.2023			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	39 0 0		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Tomasz Piotr Poręba, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Achille Variati, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Kosma Zlotowski			
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Tom Berendsen, Sara Cerdas, Maria Grapini, Ondřej Kovařík, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker, Nicolae Ștefănuță, Kathleen Van Brempt			
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Andreas Glück, Erik Marquardt, Andżelika Anna Możdżanowska, Wolfram Pirchner, Eugen Tomac			
<b>Data tat-tressiq</b>	8.12.2023			



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>39</b>	<b>+</b>
ECR	Peter Lundgren, Andżelika Anna Możdżanowska, Tomasz Piotr Poręba, Dorien Rookmaker, Kosma Złotowski
ID	Marco Campomenosi
PPE	Pascal Arimont, Tom Berendsen, Karolin Braunsberger-Reinhold, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Wolfram Pirchner, Barbara Thaler, Eugen Tomac, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Andreas Glück, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet
S&D	Sara Cerdas, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Bogusław Liberadzki, Thomas Rudner, Vera Tax, István Ujhelyi, Kathleen Van Brempt, Achille Variati
Verts/ALE	Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Erik Marquardt, Tilly Metz, Nicolae Ștefănuță

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni